Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.

Illum it-Tlieta, 28 ta' Novembru 2017

Rikors Guramentat Numru:- 90/2014JVC

Wara sentenza deciza nhar il-hmistax (15) ta' April, elfejn u erbatax (2014) (Citazzjoni Numru 2/1994/2) per il-Magistrat Dr Paul Coppini fl-ismijiet:

Salvu u Flavia konjugi Cassar kemm f'isimhom proprju u kemm bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Claudio Cassar; u b'nota tad-disgha (9) ta' Frar elf disa' mija hamsa u disghin (1995), Claudio Cassar assuma l-atti f'ismu proprju tal-kawza stante li sar maggorenni

vs

Paul Cardona u Carmel Cascun ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Valletta Management Services Limited, u b'digriet tas-sitta (6) ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin, Martin Portelli gie kjamat fil-kawza, u b'digriet tat-23 ta' Jannar 1997 Dr. Mario Scerri gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lil Martin Portelli; u b'digriet tat-8 ta' Marzu elfejn u hdax (2011) is-socjeta' estera ERES BV giet kjamata fil-kawza; u b'digriet tat-8 ta' Marzu elfejn u hdax (2011) giet kjamata fil-kawza l-kumpanija estera ERES BV, li l-Valletta Management Services Limited qed jagixxu bhala mandatarji; u b'digriet tas-sitta (6) ta' Mejju elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) Mario Grech u Dr. Giannino Caruana Demajo ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' "Middle Sea Insurance" gew awtorizzati li jintervjenu fil-kawza *in status et terminus*

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ghar-ritrattazzjoni tar-ritrattand Martin Portelli a fol. 6 tal-process illi ppremetta:

Illi r-ritrattandi qieghed jitlob ir-ritrazzjoni tal-kawza fuq premessa, li kienet deciza finalment minn din il-Qorti nhar il-15 ta' April 2014, a tenur ta' l-artikolu 811(a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana ghar-ragunijiet li ser jigu dedotti iktar 'il isfel.

Qabel xejn ghall-ahjar intendiment ta' dina l-Onorabbli Qorti l-esponent sejjer jaghti sunt tal-iter tal-process.

Illi l-atturi fis-sentenza msemmija kienu fethu l-kawza fejn ippremettew:

- Illi fit-13 ta' Lulju 1993 Claudio Cassar kien qieghed jakkumpanja lill-konvenut l-iehor Michael Cremona li kien qed isuq il-Bowser li jgib in-numru K-9812 (M) mill-Petrol Station ta' l-atturi ghall-Plant tat-Tarmac fi Triq iz-Zebbug, Victoria. L-istess Bowser kien ingab mid-depozitu tal-Qatran likwidu tal-kumpanija konvenuta f'Manoel Island Malta permezz tax-xufier Joseph Pace;

- Illi l-istess xufier Michael Cremona u Claudio Cassar riedu jbattlu l-kontenut tal-bowser li kien Hot Asphalt fid-depozitu tat-Tarmac Plant fuq imsemmija u malli Claudio Cassar hall il-PLUG biex jikkomunika l-pipe ghal mar-reservoir tal-Hot Asphalt fl-impjant, il-qatran spara ghal fuqu u samatlu erbghin fil-mija (40%) minn gismu u kkaguna feriti estensivi f'ghonqu, f'wiccu, idejh, saqajh u f'zaqqu;

- Illi dan l-incident gara minhabba illi l-istop cock u safety valve li suppost kienu maghluqa sabiex jigi evitat hrug inkontrollat ta' qatran, kienu fil-fatt miftuhin u kkagunaw il-hsara kbira li garrab l-istess Cassar;

- Illi ghalhekk l-incident imsemmi huwa rizultat ta' ghemil doluz inkella traskuragni da parti tal-konvenuti jew ta' min minnhom jew tas-subalterni tal-Kumpanija konvenuta li ghalihom trid tirrispondi l-istess Kumpanija;

- Illi l-istess Claudio htieglu jinghata kura ntensiva u ghadda xi xhur l-isptar u zmien iehor rikoverat, u fi kwalunkwe kaz spicca f'delibitazzjoni permanenti;

Illi ghalhekk huma talbu sabiex din il-Qorti:

- Tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-incident li fih safa' korrut iben minuri ta' l-atturi;
- Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;
- Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallas lill-atturi l-ammont ta' danni hekk likwidati;

Illi l-konvenuti Paul Cardona u Carmel Cascun nomine li eccepew illi:

- Preliminarjament, l-eccipjenti nomine, bil-mod kif gew citati, ma humiex il-legittimi kontraditturi billi huma mhumiex hlief agenti tas-Socjeta' estera, kif gia' kienu mgharrfa l-istess atturi. Ghalhekk in kwantu diretta kontra taghhom it-talba attrici hi nulla;

- Bla pregudizzju ghall-premess u fil-meritu l-eccipjenti nomine ma kienu bl-ebda mod ko-involti fil-mili tal-qatran fil-bowser u/jew mat-tqandil jew garr tal-istess, b'dan illi huma ma humiex responsabbli ghall-infortunju u ghad-danni pretizi u reklamati mill-atturi;

- Inoltre l-atturi nomine jridu jirnexxu fil-prova illi l-allegat incident li minnu qed jippretendu rizarciment kien l-effett dirett ta' xi att jew ommissjoni da parte tal-eccipjenti nomine u dan kif rikjest bl-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili;

- F'kull kaz jidher li l-atturi qua genituri tal-minuri ppekkaw kontra l-ligijiet vigenti meta ppermettew lill-minuri jaghmel xoghol meta mhux suppost, f'liema kaz proprju huma ghandhom iwiegbu ghad-danni u dan ai termini tal-Artikoli 1034 u 1037 tal-Kap. 16, apparti ksur tal-ligijiet li jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xoghol.

Illi Mario Grech u l-Avukat Dottor Giannino Caruana Demajo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance Co. Limited tat-23 ta' Marzu 1994, talbu li jigu awtorizzati jintervjenu bhala parti fil-kawza *in statu et terminis*, u dana billi din is-socjeta' kellha nteress bhala assikuratrici tas-socjeta' konvenuta Valletta Management Services Limited u l-Qorti laqghet din it-talba b'digriet taghha tas-6 ta' Mejju 1994;

Illi bil-visto tal-atturi, fis-7 ta' Settembru 1994, il-konvenut Michael Cremona eccepixxa:

- Illi d-domandi attrici in kwantu huma diretti fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li l-hsara li garrab bin l-atturi Claudio ma kinitx dovut ghal xi kawza li tirreferi ghall-eccipjenti.

Illi permezz ta' digriet taghha tas-6 ta' Mejju 1994 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Carmelo Galea bhala perit legali f'din il-kawza, bl-assistenza tal-Professur Victor Griffiths bhala espert mediku.

Illi fid-9 ta' Frar 1995 permezz ta' nota Claudio Cassar assuma l-atti tal-kawza stante li sar maggorenni.

Illi permezz ta' digriet tal-Qorti ta' nhar s-6 ta' Novembru 1996 l-esponent gie kjamat fil-kawza.

Illi nhar it-23 ta' Jannar 1997 l-Avukat Dottor Mario Scerri gie nominat kuratur sabiex jirraprezenta lill-kjamat fil-kawza Martin Portelli allegatment kien jinsab imsiefer.

Illi r-relazzjoni tal-perit legali Dottor Carmelo Galea giet ipprezentata fis-27 ta' Dicembru 1999 u minnu mahlufa fit-18 ta' Jannar 2000. Ir-rapport tal-espert mediku l-Professur Victor Griffiths ipprezentat kontestwalment mar-rapport ta' Dottor Galea, u mahluf fid-9 ta' Frar 2000.

Illi permezz ta' digriet datat l-11 ta' April 2000, fuq talba tal-atturi l-Qorti hatret lill-avukati Dottor Joseph Micallef Stafrace, Dottor Joseph R. Micallef u Dottor Joseph Galea Debono bhala periti addizzjonali.

Illi r-relazzjoni tal-periti addizzjonali pprezentata fil-21 ta' Mejju 2008 u mahlufa mill-Avukat Micallef Stafrace fit-12 ta' Jannar 2009, mill-Avukat Noel Camilleri fid-19 ta' Jannar 2009, u mill-Avukat Buttigieg fit-23 ta' Jannar 2009 (dawn tal-ahhar issostitwew il-perit addizzjonali originali).

Illi permezz ta' digriet datat 8 ta' Marzu 2011, fuq talba tal-atturi, il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' estera ERES BV.

Illi permezz ta' digriet datat 7 ta' Ottubru 2011 fejn, wara talba tas-socjeta' konvenuta Valletta Management Services Limited ghar-revoka tad-digriet tat-8 ta' Marzu 2011, il-Qorti kkonfermat l-istess digriet.

Illi kien sar appell fil-Qorti tal-Appell u dik il-Qorti permezz ta' sentenza datata 25 ta' Mejju 2012 astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-appell tal-istess socjeta' konvenuta dwar dan id-digriet, billi ma kienx appellabbli f'dak l-istadju tal-proceduri.

Illi minkejja r-riferta pozittiva tas-socjeta' ERES BV, li giet debitament notifikata bic-citazzjoni, kif jirrizulta mill-ittra mill-Ufficcju tal-Avukat Generali tal-25 ta' Gunju 2013 u d-dokumenti annessi l-istess socjeta' estera ghazlet li tibqa' kontumaci.

Illi fid-19 ta' Lulju 2012 tal-Avukat Dottor Mario Scerri nomine li, bil-visto tal-atturi, eccepixxa:

- Illi l-eccipjenti mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant jirriserva li jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt in kontestazzjoni tat-talbiet attrici wara li jigi provdut lilu l-indirizz tal-kjamat fil-kawza minnu rapprezentat u jirnexxielu jikkomunika mieghu u jsir jaf ahjar minghandu x'inhi l-kontestazzjoni o menu tieghu;
- Illi fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-incident meritu fil-kawza, u mhuwiex hu li ghandu jwiegeb ghad-danni pretizi mill-atturi;
- Illi finalment l-eccipjenti jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti fuq il-provi kollha li jigu migbura;
- Illi l-ispejjez tal-kuratur ghandhom jigu akkollati lill-atturi;
- Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Il-Qorti fil-15 ta' April 2014 tat sentenza fejn iddecidet il-kawza fis-sens segwenti:

*Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi:*

*1. tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Valletta Management Services Limited, u tiddikjara li din ma kienet bl-ebda mod ko-involta fil-mili tal-qatran fil-bowser u/jew garr tal-istess, u ghalhekk mhux responsabbli ghall-infortunju u ghad-danni pretizi u reklamati mill- atturi;*

*2. tilqa' wkoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Cremona u tiddikjara li lanqas hu m'ghandu ebda htija ghal dak li gara;*

*3. tilqa' in parti l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-kjamati fil-kawza Martin Portelli, kif rapprezentat f'dawn l-atti mill-kuratur Dottor Mario Scerri nomine, u s-socjeta'estera ERES BV responsabbli flimkien ghal hamsin fil-mija (50%) tan-negligenza li wasslet ghall-incident mertu tal-kawza; u*

*4. tillikwida l-ammont dovut lill-atturi in linea ta' danni minhabba dan l-incident fis-somma ta' tnejn u sebghin elf, sitt mija sitta u sebghin euro (€72,676).*

*5. tikkundanna lill-istess kjamati fil-kawza Martin Portelli u s-socjeta' estera ERES BV in solidum bejniethom sabiex ihalsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali spedita f'Novembru 1993 u tal-Mandat ta' sekwestru tad-29 ta' Dicembru 1993, jinqasmu bejn l-atturi minn naha u l-istess kjamati fil-kawza in solidum bejniethom minn naha l-ohra. L-ispejjez tas-socjeta' ntervenuta fil-kawza, jibqghu a karigu taghha.*

Illi b'dan l-att l-esponent qed jattakka l-kapi kollha ta' 'l fuq citata sentenza billi;

i. jissottometti bir-rispett li huwa ma giex debitament notifikat bic-citazzjoni u atti akkompanjanti, u
ii. l-istess s-sentenza ttiehdet bil-qerq

u b' hekk hemm lok ghar-ritrattazzjoni taI-kawza deciza bl-istess sentenza a tenur tal-artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), li jipprovdi s-segwenti:

*811. Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha nteress, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(a) jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra;*
*(b) jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza;*

a) Illi jirrizulta mill-process u mis-sentenza li l-esponent qatt ma gie ddikjarat kontumaci u dan minkejja li jidher li l-esponent gie nnotifikat personalment nhar il-3 ta' Novembru 1998 (fuq wara tal-fol 174 tal-process).

b) L-esponent qed isostni li ma kienx jaf bil-kawza. Il-fatti se juru li huwa ragonevoli u logiku li wiehed jahseb li fil-fatt in-notifika ma kinitx tezisti in atti jew inkella jekk din kienet in atti l-attur f'dawn il-proceduri naqas bl-aktar mod lampanti li jgharraf lill-partijiet in kawza; lill-periti nvoluti fil-kawza; u l-Qorti stess li l-esponent kien innotifikat.

c) Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din r-riferta hija l-unika dokument li jorbot dawn l-atti ma' l-esponent. Ma hemm l-ebda ndikazzjoni apparti r-riferta msemmija li qatt sar xi tentattiv li jigi nnotifikat b'atti tal-kawza jew li saret xi komunika lilu. U dan ghaliex, fost ohrajn, il-process baqa' ghaddej fil-konfront tal-kuratur Dr Mario Scerri fuq il-pretest li l-esponent kien assenti meta fil-fatt ma kienx u qisu l-esponent qatt ma gie nnotifikat.

d) Illi l-esponent ihoss li jispjega l-iter tal-kawza iktar fil-dettal ghaliex jirrizultaw hafna fatti li jwasslu ghall-konkluzzjoni li din is-sentenza ttiehdet permezz ta' qerq u li l-esponent ma kienx notifikat.

*Illi dwar l-Artikolu 811 (a) jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra;*

1. Illi nhar il-21 ta' Ottubru 1996 l-atturi ntavolaw rikors sabiex jottjenu l-kjamat in kawza tal-esponent u dan minhabba xhieda ta' Carmel DeGiovanni (huwa xehed fis-seduti datati l-1 ta' April 1996 u 16 ta' Settembru 1996).

2. Illi DeGiovanni, wiehed mid-diretturi u shareholders ta' Valletta Management Limited li kienet tamministra x-xoghol ta' ERES, kumpanija estera, gewwa Malta xehed:

*'Qabel mal-bowser ihalli d-depot it-temperatura tieghu tigi verifikata, kif ukoll il-bowser jigi ccekkjat biex jaraw li huwa tajjeb ghat-triq. Dan isir minn Martin Portelli. Sa fejn naf jiena dan issa ilu xi sentejn jahdem fid-depot tal-ERES fil-Kenya'* (Vide fol 233 tal-process)

3. Illi kif inghad, a bazi ta' din ix-xhieda, l-attur ghamel rikors ghall-kjamat in kawza tal-esponent.

4. Illi minkejja l-oppozzjoni tal-kovenuti (vide risposta tal-Avukat, issa Imhallef Philip Sciberras a fol 122 tal-process) ibbazata fuq gurisprudenza kostanti li l-kjamat in kawza mhux ammissibli meta l-interess tal-persuna li ghandha tigi msejha kien jezisti mill-bidu tal-procedimenti (kien fatt maghruf li l-esponent seta' kellu nteress fil-kawza u dan mill-bidu tal-process), il-Qorti laqghet it-talba tal-attur. Jinghad li t-talba ghall-kjamata fil-kawza tal-esponent Portelli saret meta l-provi kollha kienu ngabru.

5. Illi nonostante dak li qal DeGiovanni fix-xhieda tieghu, l-esponent ma kienx imsiefer u kien hawn Malta dak iz-zmien.

6. Illi minkejja li kien hawn Malta, l-attur talab lill-Qorti sabiex tinnomina lill-kuraturi deputati sabiex 'jirraprezenta lill-assenti Martin Portelli'. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-hrug tal-Bandi relattivi (fol 131). Dan kollu minghajr ma jidher li saru ebda verifiki ulterjuri dwar l-assenza o meno tal-esponent izda semplicement a bazi ta' asserzjoni ta' DeGiovanni li safejn kien jaf hu l-esponent kien jinstab il-Kenya! L-attur ipprova jinnotifika bil-hrug tal-bandi lil Carmel DeGiovanni li ma ghandu ebda

konnessjoni mal-esponent. Fil-fatt huwa qal, fix-xhieda tieghu, li kien imsiefer mentri dan mhux minnu.

7. Illi l-attur ghalhekk talab il-Qorti sabiex tinnomina deputat kuratur tal-ufficcju biex jirraprezenta l-esponent Martin Portelli f'dawk il-proceduri. Fit-13 ta' Jannar 1997 il-Qorti nnominat lill-Avukat Mario Scerri bhala kuratur deputat.

8. Illi fl-14 ta' Lulju 1997 u cioe' cirka sena wara x-xhieda ta' DeGiovanni, l-attur 'intebah' li l-esponent kien hawn Malta u talab il-Qorti sabiex tinnotifikah bl-att tac-citazzjonijiet sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

9. Illi n-notifika saret hekk:

*'Notifika: Dr Mario Scerri LL.D.*
*Martin Portelli, 'Beverly Hills, Triq il-Haddiem, Birzebbuga'*

10. Illi fil-kliem tal-Periti Addizzjonali (fir-rapport datat 21 ta' Mejju 2008 ossia, 14-il sena wara li giet intavolata l-kawza) *'Illi minn fol. 165 a tergo tirrizulta riferta negattiva ta' Martin Portelli'.* Huma flew l-atti sew u ma setghux jaraw notifika (vide paragrafu 28 iktar 'il isfel).

11. Illi fl-udjenza tat-23 t'Ottubru 1997, din l-Onorabbli Qorti ordnat in-notifika ta' l-istess kjamat Martin Portelli permezz tal-proceduri komtemplati fil-Kap 12 (a fol 169 tal-process);

12. Illi minn fol 169 tal-process jirrizulta illi l-attur effettwa l-hlas sabiex issir il-procedura relattiva;

13. Illi fis-26 ta' Gunju 1998, l-attur informa l-Qorti li l-provi quddiem il-perit legali gew konkluzi u l-esponent gie nnotifikat u b'hekk il-perit seta' jghaddi ghar-rapport. Dan ma kienx minnu u fil-fatt il-Qorti qalet *'Billi ghadu ma giex notifikat il-kjamat fil-kawza Martin Portelli tirriserva li tipprovdi dwaru fi stadju ulterjuri'* (digriet 24 ta' Lulju 1998).

14. Illi jinghad li fis-seduta tas-25 ta' Gunju 1998 quddiem il-Perit Legali (gurnata qabel is-seduta quddiem il-Qorti) l-attur kien

iddikjara *'Martin Portelli kien gie notifikat bic-citazzjoni permezz tal-affissjoni, stante illi wara li kien inhatar Dr. Mario Scerri bhala kuratur ta' bniedem assenti (l-istess Martin Portelli) kien irrizulta illi Martin Portelli kien jinsab hawn Malta. Il-Perit Legali rrileva illi huwa ma ghandux l-indirizz ta' dan Martin Portelli u kwindi ma nnotifkahx b'din is-seduta. Dr Alfred Grech (ghall-attur) jipprometti li jipprovdi lill-perit legali bl-indirizz ta' Martin Portelli.'*

15. Kif gja' nghad jirrizulta li dan mhux minnu. Martin Portelli zgur ma kienx gie nnotifikat dak iz-zmien u dan irrilevatu l-Qorti stess.

16. Illi is-seduta tal-26 ta' Marzu 1996 giet differita ghan-notifika tal-kjamat fil-kawza ghat-13 ta' Novembru 1998.

17. Illi fil-11 ta' Novembru 1998 ir-rikorrent gie allegatament innotifikat izda ma ssemma' xejn fis-seduta tat-13 ta' Novembru 1998. Il-Qorti qalet li l-kawza giet differita ghar-rapport ghat-30 ta' April 1999.

18. Illi r-rapport gie pprezentat fit-27 ta' Dicembru 1999. Il-perit jikkumenta li l-esponent kien kontumaci (a fol 273 tal-process f'paragrafu 76 tar-rapport tal-Perit) u dan abbazi tal-fatt li ma kienx hemm risposta da parti tal-kuratur (li kien qed jirraprezentah ghax suppost kien assenti), u mhux ghaliex l-esponent kien gie nnotifkat. Jinghad li l-Qorti qatt ma ddikjarat li l-esponent baqa' kontumaci.

19. In oltre l-Perit jaghmel is-segwenti sottomissjoni fir-rapport tieghu '(a fol 274 tal-process - Paragrafu 77 tar-rapport)

*'L-esponenti jissottometti ghalhekk illi sabiex il-procedura ta' din il-kawza tkun tmexxiet b'mod regolari u ma jinholoqx lok ghal xi talba ghall-annullament tal-proceduri kollha jew ghal xi ritrattazzjoni, huwa importanti u necessarju illi Martin Portelli jingab a konoxxenza ta' l-istadju illi fih waslet din il-kawza, u l-konkluzzjonijiet raggunti mill-esponenti. <u>Ghalhekk jissottometti illi qabel ma' l-esponenti jghaddi sabiex jikkonferma r-rapport tieghu, din l-Onorabbli Qorti tordna illi Martin Portelli jigi notifikat bid-data tad-differiment ta' meta huwa ghandu jahlef ir-rapport tieghu, u kif ukoll bil-fatt illi l-esponenti gia rrediga r-rapport tieghu.</u>*

*Sussegwentement, din l-Onorabbli Qorti ghandha takkorda terminu perentorju lil Martin Portelli sabiex dan jaghmel dawk is-sottomissjonijiet illi jidhirlu xieraq. Wara l-istess terminu lill-atturi sabiex jissottomettu l-osservazzjonijiet taghhom b'risposta ghal dak illi jkun qal Martin Portelli. Wara dan kollu tinghata s-sentenza.* (enfasi tal-Perit Legali stess).

20. Illi in atti ma jirrizulta assolutament ebda tenattiv sabiex l-esponent jigi nnotifikat bid-data tad-differiment kif issugerixxa l-Perit Legali u b'hekk l-esponent ma kellu l-ebda okkazzjoni li jara x-xhieda prodotta u wisq inqas li jixhed u jiddefendi lilu nnifsu f'dawn il-proceduri.

21. Fir-rapport a fol 255 tal-process il-Perit Legali jghid li:

*'L-esponenti ma kellux l-opportunita' illi jisma' x'ghandu xi jghid il-kjamat in kawza Martin Portelli. Minkejja illi Dr Alfred Grech ghall-atturi kien ipprometta illi jfornixxi lill-esponenti bl-indirizz ta' dan ta' l-ahhar, din l-informazzjoni baqghet ma nghatatx lill-esponenti. Lanqas gie prodott bhala xhud mill-partijiet l-ohra.'*

22. Illi minkejja li l-atti juru li l-attur minn tal-inqas Lulju 1997, huwa baqa' ma tax l-indrizz lill-Perit Legali u din hija turija cara li l-attur kien qieghed jipprova jzomm lill-esponent fid-dlam dwar din il-kawza u sfortunament irnexxielu. L-attur sapendo li kien hemm notifika allegatament valida qatt ma gibed l-attenzjoni ta' dan lill-Perit Legali u lanqas lill-Qorti li baqa' ma ddikjarax l-esponent kontumaci.

23. Illi fil-fatt il-Perit, fir-rapport tieghu jghid li minghajr ix-xhieda ta' l-esponent *'ta' bil-fors, fil-kwadru tac-cirkostanzi attwali, joqghod fuq dak illi kkonkluda l-Prof. Vella dwar l-operat ta' dan Martin Portelli.'*

24. Illi l-logika konkluzzjoni ta' dan kollu huwa li gjaladarba ma hemm ebda *record* tan-notifika in kwistjoni fir-rapporti tal-periti (li flew il-process sew); fil-verbali, fin-noti ta' kritika jew sottomissjoni u lanqas fis-sentenza, allura ma kienx hemm in-notifika in atti u dik in-notifika ddahhlet wara;

25. Illi anki jekk in-notifika kienet fil-fatt hemm, kien jinkombi lill-attur f'dawk il-proceduri jissolleva l-fatt li l-esponent kien

innotifikat ghaliex kien ha l-passi kollha necessarji sabiex jigi notifikat. Iktar u iktar meta l-Perit Legali u l-Kuratur staqsewh ghal hafna drabi sabiex iforni l-indrizz tal-esponent u dan baqa' sieket; ma qal assolutament xejn, la li l-esponent kien notifikat u la li kien jaf l-indirizz tieghu. Dan huwa l-qerq.

26. Illi jinghad li dan l-istat ta' fatt, u cioe', li l-esponent kien (allegatment) notifikat; li hadd ma nduna b'tali notifika (hlief l-attur li kien fil-fatt ghamel biex jigi notifikat); li ma ngiebx bhala xhud minhabba li l-attur baqa' ma jaghtix l-indrizz tax-xhud minkejja li kien jafu, u li pprosegwa bil-kawza rritwalment kontra kuratur li pprezenta d-difiza biss fid-19 ta' Lulju 2012 meta l-kawza kienet prattikament maghluqa bil-visto tal-kontroparti, kien ta' vantagg lill-persuna wahda biss: l-attur f'dawk il-proceduri.

27. Illi bix xenarju li holoq huwa stess, l-attur kellu l-opportunita' li jressaq kawza kontra xi hadd li ma setax jiddefendi ruhu. Hawn l-esponent jinnota li kieku l-esponent gie ddikjarat kontumacji kien japplika l-Artikolu 772 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ossia, li *'Dan il-privilegg jista' jigi rrinunzjat u meta ma jigix mitlub jitqies li gie rrinunzjat. Il-kontumacja tal-parti titqies bhala talba ghal dak il-privilegg.'*    *REFERRING TO PRIVILEGIUM FORI*

28. Kieku ddikjarat kontumacji l-Qorti kien ikollha l-obbligu li tiddikjara li l-Qorti tal-Magistrati Ghawdex ma kinitx kompetenti tisma' l-kawza u dan ghaliex kien hemm iktar konvenuti li kienu minn Malta milli atturi li kienu minn Ghawdex. Ghal darb'ohra din is-sitwazzjoni ggovat lill-persuna wahda biss: l-attur fil-kawza msemmija.

29. Illi xhieda tal-fatt li l-esponent qatt ma gie nfurmat b'xi kien ghaddej huwa l-fatt li fil-31 ta' Jannar 2000 il-kuratur Dr Mario Scerri talab li ssir perizja perizjuri u dan *'fil-kwalita' tieghu ta' kuratur ta' l-imsiefer Martin Portelli'*. L-attur kien jaf ben tajjeb li l-esponent kien Malta u li kellu l-indirizz tieghu izda qatt ma pprova jirrattifika dan il-fatt u anzi kompla ma jaghtix l-indrizz tal-esponent lil Dr Scerri (hekk kif irrilevat mill-perit legali).

30. Illi l-attur ha vantagg mis-sitwazzjoni ferm stramba li hadd ma nduna li l-esponent kien gie allegatment innotifikat. Jinghad ukoll

li l-attur baqa' jinnotifika l-atti lil Dr Mario Scerri minkejja li kien jaf bl-indirizz u minkejja li l-esponent kien gie allegatament nnotifikat (Vide per ezempju nota tal-osservazzjonijiet ulterjuri tal-atturi a fol 450 tal-process).

31. Illi l-konkluzzjoni imsemmija iktar 'il fuq li l-esponent ma giex innotifikat huwa avvalorat mill-Perit Addizzjonali. Jinghad li l-Periti Addizzjonali fir-rapport taghhom (a fol 6 et seq tar-rapport taghhom - Ir-relazzjoni tal-Periti addizzjonali pprezentata fil-21 ta' Mejju 2008 u mahlufa mill-Avukat Micallef Stafrace fit-12 ta' Jannar 2009, mill-Avukat Noel Camilleri fid-19 ta' Jannar 2009, u mill-Avukat Buttigieg fit-23 ta' Jannar 2009) wara li raw l-atti relattivi u r-rikorsi gja msemmija hawn fuq ikkonstataw:

*L-esponenti ghalhekk jirrelevaw ghall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti*

*i. Martin Portelli ma jirrizultax li qatt gie notifikat bic-citazzjoni;*

*ii. Illi ghalhekk ir-rikors tas-26 ta' Gunju 1998 (fol 172 tal-process) ghadu ma giex dekretat definittivament billi l-Qorti kienet zammet riserva dwaru;*

*iii. Illi sal-lum jirrizulta:*

*(a) hemm nominat Dr Mario Scerri bhala kuratur ta' Martin Portelli – pero' jirrizulta wkoll illi l-istess kuratur ma rnexxielux jikkomunika ma' Martin Portelli;*

*(b) qatt ma giet prezentata nota ta' eccezzjonijiet mill-kuratur ghall-istess Martin Portelli - presubilment minhabba dak li jirrizulta mir-rikors ta' l-attur ta' 1-14 ta' Lulju 1997 u d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Lulju 1997 - fol. 162 u 164 tal-process.*

*Konsegwentement, salv kull provvediment Ii tista' taghti din l-Onorabbli Qorti anke f'dan l-istadju, dwar it-talba ta' l-attur tas-26 ta' Gunju 1998, jidher illi Martin Portelli baqa', kontumaci f'din il-kawza.*
(enfasi mizjud mill-esponent).

32. Illi din is-sitwazzjoni baqghet ghaddejja tul s-smigh tal-kawza: f'rikors ipprezentat minn Dr Scerri fis-6 ta' Settembru 2009 huwa jippremetti li *'f'din il-kawza l-esponenti qed jidher bhala kuratur tal-assenti Martin Portelli'*.

33. Illi fil-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2010 hemm imnizzel li *'Dr Mario Scerri kuratur tal-imsiefer Martin Portelli jirrileva li hu*

*qatt ma rnexxielu jikkomunika mal-konvenut Martin Portelli billi qatt ma gie moghti indirizz tieghu.'*

34. Illi b'qerq l-attur baqa' ma tax l-indirizz tal-esponent lill-kuratur minkejja li kien jaf fejn joqghod u dan minkejja li kien jaf li l-esponent kien (allegatament) innotifikat.

35. Illi anke fir-rikors ta' appell (appell minn digriet tal-Qorti) ipprezentat fis-26 ta' Ottubru 2011 ossia 17-il sena wara li giet ipprezentata c-citazzjoni, l-appellant konvenut Valletta Management Services Ltd, tghid li kien gie appuntat Dr Mario Scerri bhala kuratur sabiex jirraprezenta l-assenti Martin Portelli u tkompli li *'l-istess kuratur pero' ma jirrizultax li pprezenta nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk jidher li Martin Portelli baqa' kontumaci.'* Ma hemm l-ebda ndikazzjoni ta' notifika jew komunika ma' l-esponent. Jerga' jinghad li Portelli qatt ma gie ddikjarat kontumaci u li l-pozizzjoni tal-kuratur giet issanata peress li pprezenta nota ta' eccezzjonijiet fid-19 ta' Lulju 2012 ossia ben 18-il sena wara li giet ipprezentata c-citazzjoni.

36. L-Avukat Dottor Mario Scerri nomine li, bil-visto tal-atturi, eccepixxa:

*Illi l-eccipjenti mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant jirriserva li jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt in kontestazzjoni tat-talbiet attrici wara li jigi provdut lilu l-indirizz tal-kjamat fil-kawza minnu rapprezentat u jirnexxielu jikkomunika mieghu u jsir jaf ahjar minghandu x'inhi l-kontestazzjoni o menu tieghu;*
*Illi fi kwalunke kaz l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-incident meritu fil-kawza, u mhuwiex hu li ghandu jwiegeb ghad-danni pretizi mill-atturi;*
*Illi finalment l-eccipjenti jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti fuq il-provi kollha li jigu migbura;*
*Illi l-ispejjez tal-kuratur ghandhom jigu akkollati lill-atturi;*
*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

37. Illi huwa ragonevoli u logiku li wiehed jikkonkludi li dik in-notifika datata 2 ta' Novembru 1996 ma kinitx fl-atti meta saru r-rapporti tal-perit u tal-periti addizzjonali. Il-partijiet kollha in kawza kif ukoll il-Perit Legali u Perit Tekniku; il-Periti Addizzjonali; l-Avukati tal-partijiet u lanqas l-Qorti stess ma

kkonstataw li l-esponent gie debitament notifikat bic-citazzjoni jew atti akkompanjanti jew li saret il-komunika lilu jew li qatt saret xi tentattiv sabiex l-esponent jittella' bhala xhud kif suggerit mill-Perit Legali;

38. Illi l-attur messu rrettifika din is-sitwazzjoni (jekk kien hemm notifika) izda, ghaliex kien jaqbillu, huwa baqa' sieket. L-attur kompla jqarraq billi huwa baqa' ma kkomunikax l-indrizz tal-esponent lill-kuratur jew l-perit legali.

39. Illi l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha 14 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet Carmel *sive* Lino Borg *versus* Henry Thake, qalet illi:

*'... is-subinciz (a) ta' l-artikolu 811 ma jaghtix lok ghal ritrattazzjoni "fil-kaz li jkun hemm frodi". Is-smigh mill-gdid jista' jigi akkordat biss "jekk is-sentenza tkun ittiehdet b'qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-parti l-ohra". Il-qerq jew il-frodi allura ma jridux ikunu jirrizultaw jew ma jridux ikunu relatati mal-meritu li pprovoka l-vertenza u li gie ttrattat quddiem il-qrati u minnhom decizimma jridu jkunu jirrizultaw jew ikunu relatati mal-proceduri decizi bis-sentenza appellata u bihom inficcjata. Is-subinciz jipprovdi ghal smigh mill-gdid fil-kaz fejn is-sentenza tkun ittiehdet b'qerq u mhux fejn il-pretensjoni ta' l-attur fit-talba tkun ghall-kreditu li origina minn agir allegatament delittuz jew qarrieqi tal-konvenut.'*

40. Illi ghalhekk bhal fil-kaz in dizamina, il-qerq irid ikun qerq gudizzjarju, jigifieri nerenti fil-proceduri. Il-qerq, irid ikun fil-proceduri li wasslu ghas-sentenza li jkun qed jintalab it-thassir taghha, u mhux jifforma l-meritu tal-kawza mismugha u deciza.

41. Illi jinghad ukoll li s-sentenza tal-15 t'April 2014 inghatat minghajr ma giet prezentata ebda nota ta' sottomissjonijiet finali ghan-nom ta' l-esponent li sar jaf biss bis-sentenza in kwistjoni meta kien notifikat biha fid-9 t'Awissu 2014 - zmien wara li effettivament it-terminu ta' l-appell kien iddekorra u wara li seta' jaghmel ritrattazzjoni fuq kapitoli ohra tal-Artikolu 811. Dan ikompli izewwaq u jikxef l-qerq li bih imxiet l-kontroparti fil-konfront tal-esponent fil-proceduri li wasslu ghas-sentenza fil-15 ta' April 2014

42. Il-qerq f'din il-kawza hija wahda lampanti:

- L-attur fil-kawza msemmija, sostna li l-esponent kien imsiefer fis-sena 1996 meta fil-fatt kien hawn Malta;
- L-attur ipprova jizvija l-Qorti meta qal li l-esponent kien innotifikat mentri ma kienx minnu (dan qabel it-2 ta' Novembru 1998 meta allegatment gie nnotifikat);
- In-notifika datata 2 ta' Novembru 1998 ma setghetx kienet fl-atti ghaliex hadd, lanqas l-attur innifsu, issolleva din il-kwistjoni tan-notifika;
- Jekk kienet in atti l-attur qatt ma semma' li kien hemm notifika u b'hekk zvija l-partijiet; il-periti u l-Qorti.
- Il-qerq tal-attur wassal ghall-fatt l-esponent ma jigix innotifikat bl-atti u li jkun jaf bil-kawza opportuna;
- Il-qerq tal-attur wassal ghall-fatt li l-esponent ma giex iddikjarat konumaci bil-konsegwenza li l-*privilegium fori* ma nghatatx effett mill-Qorti;
- Il-qerq tal-attur wassal ghall-fatt li l-kuratur qatt ma kkomunika mal-esponent;
- Il-qerq tal-attur wassal ghall-fatt li l-esponent bl-ebda mod ma seta' jippartecipa fil-kawza;
- Il-qerq tal-attur wassal ghall-fatt li l-esponent lanqas ma kien f'posizzjoni li jintavola appell u jissalvagwardja l-interessi tieghu.
- L-atturi nnotifikaw is-sentenza lill-esponent fid-9 t'Awissu 2014 - zmien wara li effettivament it-terminu ta' l-appell kien iddekorra wara li seta' jaghmel ritrattazzjoni taht sub-artikoli ohra tal-Artikolu 811 tal-Kap 12.

43. L-Artikolu 818 (1) sub-paragrafu (a) jghid li z-zmien li fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jghodd – *'fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 811(a) u (k), mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument'.*

44. Illi l-esponent ircieva min-naha attrici, is-sentenza bil-posta (ironikament) fl-indrizz tieghu gew 'Beverly Hills', Triq il-Haddiem, Birzebbuga (li baqa' dejjem l-istess tul is-smiegh tal-kawza kollha) u dan fid-9 ta' Awwissu 2014;

*Dwar l-Artikolu 811(b) 'jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza'*

45. Illi l-esponent jaghmel referenza ghall-fatti hekk kif deskritti fis-sezzjoni precedenti u cioe' dwar il-qerq. Il-fatti, hekk kif jirrizultaw mill-atti, dwar il-qerq huma ntrinsikament relatati man-nuqqas ta' notifika u ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni se jirreferi ghall-paragrafi precendenti;

46. Il-partijiet kollha in kawza kif ukoll il-Perit Legali u Perit Tekniku; il-Periti Addizzjonali; l-Avukati tal-partijiet u lanqas l-Qorti stess ma kkonstataw li l-esponent gie nnotifikat b'atti tal-kawza jew li saret il-komunika lilu jew li qatt sar xi tentattiv sabiex l-esponent jingieb bhala xhud kif suggerit mill-Perit Legali;

47. Illi kif inghad iktar 'il fuq hemm dikjarazzjoni tal-Qorti li l-esponent ma kienx notifikat a kuntrarju ta' dak li kien hemm jghid l-attur (digriet 24 ta' Lulju 1998); hemm dikjarazzjoni da parti tal-Perit Legali Carmelo Galea li jwissi li jkun importanti u necessarju illi Martin Portelli jingieb a konoxxenza ta' l-istadju illi fih waslet din il-kawza, u l-konkluzzjonijiet raggunti minnu u dan sabiex *il-kawza tkun tmexxiet b'mod regolari u ma jinholoqx lok ghal xi talba ghall-annullament tal-proceduri kollha jew ghal xi ritrattazzjoni';*

48. Illi hemm dikjarazzjoni cara u nekwikova da parti tal-Perit Addizzjonali:

*'L-esponenti ghalhekk jirrilevaw ghall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti*

*i. Martin Portelli ma jirrizultax li qatt gie notifikat bic-citazzjoni;'*

(vide fol 6 *et seq* tar-relazzjoni tal-Periti Addizzjonali pprezentata fil-21 ta' Mejju 2008 u mahlufa mill-Avukat Micallef Stafrace fit-12 ta' Jannar 2009, mill-Avukat Noel Camilleri fid-19 ta' Jannar 2009, u mill-Avukat Buttigieg fit-23 ta' Jannar 2009).

49. Allura ma hemmx *record* tan-notifika in kwistjoni fir-rapporti tal-periti; fil-verbali; fin-noti ta' kritika jew sottomissjoni u lanqas fis-sentenza. Isegwi li dan ghaliex ma kienx hemm in-notifika u l-prova tan-notifika saret wara. Dan naturalment jiggova n-naha

attrici ghaliex issa din tista' tkun f'posizzjoni tistrieh fuq l-'fatt' li l-esponent gie nnotifikat. Izda, anke f'din l-ambivalenza jispicca l-qerq tan-naha attrici ghaliex b'dana kollu xorta baqa' l-kuratur in atti u n-naha attrici kompliet fil-konfront tal-kuratur u fil-kawza mxiet kieku l-esponent qatt ma kien – strategija qarrieqa u llegali li hadmet sew kontra l-esponent Martin Portelli izda tassew iggovat l-attur.

50.U kif inghad fis-sezzjoni precedenti, jekk in-notifika kienet fil-fatt hemm, kien jinkombi lill-attur f'dawk il-proceduri jissolleva l-fatt li l-esponent kien innotifikat ghaliex kien hu li nnotifikah. Iktar u iktar meta l-Perit Legali u l-Kuratur staqsewh ghal hafna drabi sabiex iforni l-indrizz tal-esponent u dan baqa' sieket; ma qal assolutament xejn, la li l-esponent kien notifikat u la li kien jaf l-indirizz tieghu.

51.Illi jinghad ukoll li l-esponent sar jaf b'din is-sentenza tal-15 ta' April 2014, fid-9 ta' Awissu 2014. Issa l-Artikolu 818 (1) sub-paragrafu (b) jiddisponi illi "z- zmien illi fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jghodd, fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b)(Art 811), mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis-sentenza".

52.Illi fil-kawza fil-Qorti tal-Appell 'Joseph Mangion et vs Joseph Cassar' (27 ta' April 1999) il-Qorti qalet:

*"Provvediment dan illi jfisser kjarament illi kulma jinhtieg biex jibda jiddekorri t-terminu huwa li l-attur ikun gie a konoxxenza tal-fatt li nghatat is-sentenza. L-ebda formalita' ma hija mehtiega biex jigi konstatat il-fatt ta' konoxxenza ta' l-attur ta' l-ezistenza ta' din is-sentenza. Dan il-fatt jista' jigi arguwit u dezunt mill-provi u cirkostanzi li jnisslu fil-gudikant il-konvinciment li l-attur kien jaf jew li hu ma setax ikun qed jitlob ir-ritrattazzjoni fil-mument meta l-provi hekk juru".*

53. Kif inghad l-esponent sar jaf bil-kawza meta rcieva s-sentenza bil-posta.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi s-sentenza fl-ismijiet premessi (Citazzjoni 2/1994/2) deciza fil-15 ta' April 2014 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex Superjuri – Sezzjoni Generali) ittiehdet, kif inghad hawn fuq, mill-qerq tal-atturi u/jew mill-fatt li l-esponent ma giex innotifikat bic-citazzjoni kif suppost skont il-ligi u dan a tenur tal-artikolu 811 (a) u/jew (b) tal-Kapitolu 12 taI-Ligijiet ta' Malta u b'hekk timmerita ritrattazzjoni; u

2. Tirrixxindi u thassar is-sentenza fl-ismijiet premessi fuq imsemmija tal-15 ta' April 2014 u dan minhabba li hija ttiehdet, kif inghad hawn fuq, mill-qerq tal-atturi u/jew mill-fatt li l-esponent ma giex innotifikat bic-citazzjoni kif suppost skont il-ligi u dan a tenur tal-artikolu 811 (a) u/jew (b) tal-Kapitolu 12 taI-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza skont il-ligi; bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tar-ritrattati ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalita' tieghu ta' kuratur *ad litem* a fol. 43 tal-process illi eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni tar-rikorrent Martin Portelli tinsab perenta fit-termini tal-artikoli 818(1)(a)(b) tal-Kap.12; (rtirata permezz tal-verbal datat 6/11/2015)

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjenti jiddikjara li fil-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, hu kien qed jagixxi fil-kwalita' tieghu ta' kuratur deputat tar-rikorrent Martin Portelli li, skont ma kienu ddikjaraw il-konjugi Cassar, dak iz-zmien kien jinsab imsiefer. Hu gie nominat wara talba li kienet saret ghal dan il-fini mill-istess konjugi Cassar;

3. Illi minkejja li l-esponenti kien ipprova jottjeni diversi drabi l-indirizz ta' Martin Portelli u fejn kien jinsab fl-esteru minghand il-konjugi Cassar tramite l-avukat taghhom Dr. Alfred Grech, huwa baqa' qatt ma nghata dan it-taghrif fejn kien jinsab imsiefer l-imsemmi Martin Portelli;

4. Illi stante li huwa kien qed jagixxi ta' kuratur f'dik il-kawza, huwa qieghed jirrimetti ruhu ghall-provi u savju gudizzju u superjuri ta' din il-Qorti, b'dana illi huwa m'ghandu jigi tenut ibati l-ebda spejjez ta' din il-kawza stante li min-naha tieghu ma kien hemm l-ebda nuqqas;

5. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta guramentata ta' Salvu u Flavia konjugi Cassar fil-kwalita' taghhom premessa u tal-istess Claudio Cassar a fol. 47 tal-process illi eccepew:

I. <u>Dwar l-Artikolu 811(a) tal-Kap 12</u>

1. L-Artikolu 811(a) tal-Kap 12 jawtorizza ritrattazzjoni jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq, ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra. Dan l-artikolu gie nterpretat mill-gurisprudenza taghna li l-qerq irid ikun personali u mhux reali fis-sens li min jallega l-qerq irid jipprova li dan gie prokurat mill-kontroparti ghad-dannu tieghu. Fil-kawza "Portelli vs Portelli" (Kollezz. Vol. XXVIII-III-1238) inghad li 'alle fine di ammettere una domanda di ritrattazione per motivo del dolo e' necessario dimonstrare in che consista in tale preteso dolo, che secondo la decisione resa dalla Corte di Appello di Sua Maesta il 13 Ottobre 1858 (Collezz. Vol. Vip.736) in re "Theuma vs Chetcuti" deve essere personale e non reale, derivante dalla ingustizia e dalla lezione.' L-artikolu 811(a) tal-Kap 12 jipprovdi ghal smiegh mill-gdid tal-kaz fejn is-sentenza tkun ittiehdet b'qerq u mhux fuq il-pretensjoni tal-attur fit-talba tkun ghall-kreditu li origina minn agir allegatamet delittwuz jew qarrieqi tal-konvenut ("Carmel sive Lino Borg vs Henry Thake" – Appell – 14/11/1997). Ma hemm xejn fil-fatti elenkati mill-attur ritrattand li juri li s-sentenza li qeghdha tigi attakata hija rizultat ta' xi qerq li origina min-naha tal-atturi u lanqas li l-Qorti giet indotta mill-agir qarrieqi tal-atturi f'din il-kawza li taghti sentenza li hija bi hsara tal-attur odjern ritrattand. L-attur jibbaza hafna fuq il-fatt li ma saru 'ebda verifiki ulterjuri dwar l-assenza o meno tal-esponenti izda semplicement a bazi ta' assenjazzjoni ta' De Giovanni li sa fejn jaf hu l-esponenti kien jinstab il-Kenya! L-attur ipprova jinnotifika bil-hrug tal-bandi lil Carmel De Giovanni li ma

ghandu ebda konnessjoni mal-esponenti. Fil-fatt huwa qal fix-xhieda tieghu, li kien imsiefer mentri dan mhux minnu'. Anke kieku kellha tkun tassew din l-allegazzjoni din ma tammonta ghall-ebda qerq jew dolo da parti tal-konvenuti eccipjenti u atturi fil-kawza l-ohra. Ma sar ebda zball da parti tal-eccipjenti li strahu fuq ix-xhieda ta' Carmel De Giovanni ghaliex wara kollox din kienet tikkostitwixxi prova bizzejjed u adegwata skont il-ligi u moghti mill-kontro-parti tal-atturi. X'gara wara u n-nuqqas ta' notifika o meno ta' Martin Portelli jista' jinghad li huwa zball li jidher mill-atti tal-kawza izda ma jammontax ghal xi qerq da parti tal-eccipjenti u wisq anqas ghall-qerq fis-sens tal-artikolu 811(a) tal-Kap 12.

2. Ir-ragunijiet migjuba mir-ritrattand mill-paragrafu 42 ma jammontawx ghall-qerq li trid il-ligi jekk l-attur fil-kawza sostna li Martin Portelli kien imsiefer dan ghamlu fuq l-iskorta tax-xhieda ta' Carmel De Giovanni li kien wiehed mid-Diretturi li kienet timpjega lill-imsemmi Martin Portelli. L-attur la qatt kellu x'jaqsam ma' Martin Portelli u fl-ebda moment ma gie in kuntatt mieghu. Il-kawza ma saritx kontra Martin Portelli. Martin Portelli iddahhal fil-kawza bhala rizultat tal-konkluzzjonijiet peritali. L-attur ghamel il-kawza ghad-danni kontra l-Kumpanija Valletta Services Management Limited kienu l-konkluzjonijiet tal-Ewwel Perit u tal-Periti Addizzjonali waqt il-prosegwiment tal-kawza li gabu l-htiega li jigu kjamati fil-kawza kemm l-imsemmi Martin Portelli kif ukoll l-Kumpania ERES BV. Jekk jirrizulta li l-imsemmi Martin Portelli effettivament gie notifikat b'dawn il-proceduri sa mit-2 ta' Novembru 1998 u baqa' ma wegibx jew ma tax kaz ta' dawn il-proceduri ma jista' jaghti tort lil hadd hlief lilu nnifsu. L-informazzjoni li kellha quddiemha l-Qorti tirrizulta mill-atti tal-kawza u mhux minn x'informazzjoni li setghet giet minghand l-attur jew xi partijiet ohra f'dina l-kawza. Huwa kontradittorju li f'daqqa tghid li Martin Portelli gie notifikat bl-atti tal-kawza u f'mument iehor tghid li 'l-qerq tal-attur wassal ghall-fatt li l-esponenti ma jigix innotifikat u li jkun jaf bil-kawza opportuna'. Lanqas jista' wiehed jifhem l-argument tal-attur f'din il-kawza li l-qerq tal-attur (fil-kawza l-ohra) 'wassal ghall-fatt li l-esponenti ma jigix dikjarat kontumaci bil-konsegwenza li l-'privilegium fori' inghatax effett mill-Qorti'. Ibda biex il-kontumacja hija stat ta' fatt u mhux ta' ligi u ma hemmx bzonn ta' dikjarazzjoni mill-Qorti

biex issehh. Bizzejjed huwa l-kaz li l-konvenut jew il-kjamat fil-kawza ma jkunx wiegeb fit-termini tal-ligi. It-tieni nett, jekk Martin Portelli kien rapprezentat minn kuratur tal-elenku (kien jew ma kienx imsiefer effettivament) ma kien qatt kontumaci u kwalunkwe eccezzjonijiet li setghet titqajjem minnu setghet titqajjem mill-kuratur tieghu. U fl-ahharnett l-eccezzjoni tal-'privilegium fori' ma setghetx titqajjem ghaliex qabel il-kjamata fil-kawza ta' Martin Portelli, kien hemm il-Kumpanija Valletta Managment Services Limited li ma kinitx residenti fil-Gzira t'Ghawdex u li ma qajjmithiex minhabba l-prezenza fil-kawza ta' konvenut iehor li kien jirresjedi fil-Gzira t'Ghawdex.

3. Jekk il-kuratur qatt ma kkomunika ma' Martin Portelli ma hi l-ebda htija tal-attur. Il-kommunikazzjoni tal-kuratur u ta' min jirrapprezenta hija kwistjoni nterna ta' bejn il-kuratur u l-persuna minnu rapprezentata u ma hi ebda responsabbilta' tal-attur. L-attur jista' biss jghaddi l-indirizz ta' fejn ikun jirrisjedi l-persuna rapprezentata (jekk ikun jafu) imma f'dan il-kaz ir-rilevanza ta' Martin Portelli fil-kawza harget tul is-smiegh tal-kawza, l-informazzjoni li Maritn Portelli kien impjegat tal-ERES BV u li kien imsiefer giet minghand Carmel De Giovanni li ssuplixxa wkoll kwalunkwe informazzjoni dwar Martin Portelli nkluz ukoll l-indirizz tieghu hawn Malta. L-attur f'din il-kawza ghad irid jipprova kif kien hemm xi qerq da parti tal-attur a tenur tal-artikolu 811(a) tal-Kap 12 u kif il-qerq tieghu wassal ghall-fatt 'li l-esponenti b'ebda mod ma seta' jippartecipa fil-kawza u li lanqas kien f'pozizzjoni li jintavola appell u jissalvagwardja l-interessi tieghu. Dwar iz-zmien li fih sar jaf bis-sentenza Martin Portelli u jekk kienx baqalu zmien sabiex jitlob ir-ritrattazzjoni, jinghad li fl-ebda zmien u fl-ebda mument l-attur ma kellu xi obbligu li jinnotifika lil Martin Portelli bis-sentenza.

4. Wiehed irid joqghod attent ukoll biex jara xi jfisser il-qerq a tenur tal-artikolu 811(a) tal-Kap 12. Skont il-Mortara (Commentario del Codice e delle leggi di Procedura Civile, Milano 1910 Vol.IV, p.494, vide wkoll Corre', Le Leggi della Procedura Civile, Napoli 1842, Vol.IV, para 1742, pagna 593) meta l-qerq ikun gej minn agent jew minn avukat tal-litigant, anke jekk minghajr ma dan ikun jaf, jitqies qerq, tal-parti, kemm ghax dan ikun qieghed jagixxi f'ismu u fl-interess tieghu, kif ukoll ghax bil-kelma parti l-ligi tifhem anke

r-rapprezentant. Imma min-naha l-ohra, jekk dipendenti tal-parti, per ezempju settur jew impjegat tieghu, fuq inizjattiva tal-istess dipendent, iqarraq, allura tali qerq ma jinkwadrax ruhu fil-ligi. L-istess jinghad u jinghad 'multo magis' jekk jinstab li l-qerq ikun adoperat minn terza persuna li ma ghandha x'taqsam xejn mal-attur litigant.

5. Il-qerq ma jistax jigi presunt imma ghandu jigi ppruvat. Ir-Ricci (Commento al Codice di Procedura Civilie Italiano Firenze, 1886, Vol.II p.568) jghid: "Il-dolo pero' non si presume mai, ma deve provarsi, e giusta l'massima di ulpiano, senza un grave ed evidene raggiro adoperato da un individuo in danno dell'altro ma puo' ammettere l'azione del dolo. Nam nisi ex magna et evidenti callidate non debet de dolo action dari. E la sua prova deve risultare da fatti certi, chiari et precise ed evidenti: dolum ex indiciis prespicuis, idest probationibus manifestis probari convenit.'

6. Biex ikun hemm l-element tal-frodi a tenur tal-artikolu 811(a) irid jirrizulta ragir li f'dan il-kaz ma jezistix. Fis-sentenza moghtija fil-kawza "Charles Portelli vs Giovanni Micallef" (Kollezz. Vol. XXVII-III-1238) intqal li 'giusta quanto ebbe a ritenere questa corte il 31 marzo 1894 in re 'Zonda vs Parthenis' (Colez. XI. 219) il dolo da ingress al rimedio della ritrattazione solamente quando i raggiri usati da una bella parte sono stati tali che senza di esse l'altra parte non sarebbe stata condannata, e l'ommissione i la insufficienza di difesa non e'per alcune una giusta causa da ritrattare'. Fil-kawza "John Bugeja noe vs Commissioner of Lands" (Appelli 15-1-2002, J. Said Pullicino, Franco Depasquale, J.A.Filletti) l-appellant biddel l-indirizz; ma giex notifikat bl-appell entro t-terminu ta' sena stabbilit fl-artikolu 182(1) tal-Kap 12, u dan ghalhekk mar dezert. L-appellat ma nfurmax il-Qorti bil-bdil fl-indirizz. Il-Qorti qalet li dan ma jikkostitwixxix qerq, proprju ghax ma gewx impjegati raggiri da parti tal-appellat.

II. <u>Dwar l-Artikolu 811(b) tal-Kap 12</u>

L-attur qed jitlob ritrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811(b) tal-Kap 12 li jipprovdi li jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-

parti telliefa, basta li din il-parti ghad li ma tkunx notifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza. Izda:

i. Jirrizulta li l-attur Martin Portelli f'xi zmien kien gie notifikat ghax tirrizulta riferta pozittiva.

ii. Fi kwalunkwe kaz Martin Portelli kien rapprezentat f'dawk il-proceduri permezz tal-kuratur Dr Mario Scerri. Kaz fejn il-konvenuta giet citata bhala minorenni meta fil-fatt ma kinitx, ma tatx lok ghar-ritrattazzjoni peress li d-difett seta' jigi sanat permezz ta' korrezzjoni tal-atti ('Sammy Mejlaq noe vs Mary armla ta' George Bugeja pro et noe' – Appell Sede Kummercjali – 13/06/1995.

iii. Dak li gie dikjarat mill-Periti Addizzjonali u x'dehrilhom l-istess periti m'hu ta' ebda konsegwenza ghal din il-kwistjoni jekk effettivament jirrizulta li Martin Portelli f'xi zmien kien gie notifikat. Lanqas huwa ta' ebda konsegwenza l-fatt li ma hemm ebda record tan-notifika in kwistjoni fir-rapporti tal-periti u li jekk il-periti pprocedewx fuq il-premessa li Martin Portelli kien ghadu ma giex notifikat. Il-fatt li n-notifika saret wara jew il-prova taghha, ma huwa ta' ebda konsegwenza. In-naha l-ohra qeghdha timputa xi qerq da parti tal-attur ghaliex il-kuratur baqa' fil-kawza anke meta gie notifikat Martin Portelli bl-atti ta' din il-kawza. X'kien il-kompitu tal-attur f'dan ir-rigward? Li seta' gara huwa li darba Martin Portelli gie notifikat bl-atti tal-kawza, messu dahal nota fl-atti tal-kawza fejn assuma hu l-atti minflok il-kuratur. Izda Martin Portelli baqa' ma ghamel xejn u issa qed jattakka lill-attur b'qerq meta filfatt dan kollu kien nuqqas tieghu.

Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-risposta guramentata ta' Michael Cremona a fol. 54 tal-process illi eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti ma jiffigurax fost il-persuni msemmijin fl-okkju tas-sentenza ritrattata u ghalhekk ma ghandux ikun parti f'din il-kawza. Kwindi din il-kawza ntentata fil-konfront tieghu saret inutilment u l-eccipjenti ghandu jigi liberat minn l-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost din il-kawza saret *fuori termine*. Jirrizulta illi l-attur kien ilu jaf zmien b'din is-sentenza u xorta baqa' ma ghamel xejn. Iccaqlaq biss meta sab procedura fil-konfront tieghu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti fil-kaz odjern ma jissussistux l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tkun tista' tintlaqa talba ghal ritrattazzjoni taht il-paragrafi 811(a) u 811(b).

4. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

5. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Michael Cremona li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' MiddleSea Insurance p.lc. ghar-rikors guramentat ta' ritrattazzjoni tar-ritrattand Martin Portelli a fol. 58 illi eccepiet:

1. Illi qabel xejn, huwa l-oneru tar-ritrattand Martin Portelli li jipprova l-fatti kif allegati minnu u li juri li hemm ragunijiet tajba ghar-ritrattazzjoni mitluba minnu;

2. Illi sussidjarjament, l-allegazzjonijiet tar-ritrattand jidher li huma ndirizzati lill-atturi Cassar u li ghalhekk, tkun xi tkun id-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, is-socjeta' esponenti, li kienet awtorizzata tintervjeni fil-kawza fl-ismijiet "Cassar Salvu pro et noe vs Cardona Paul et noe" (Citazzjoni numru 2/1994) *in statu et terminis* b'digriet tas-6 ta' Mejju 1994 (liema kawza giet deciza minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta mill-Magistrat Dottor Paul Coppini, fil-15 ta' April 2014), tichad li hija qatt kienet komplici tal-qerq allegat mir-ritrattand;

3. Illi *ex admissis*, is-socjeta' esponenti lanqas ma kienet responsabbli ghan-notifika tar-ritrattand u ghaldaqstant, fuq dan il-punt, is-socjeta' esponenti tirrimetti ruhha ghall-atti tal-kawza fl-ismijiet "Cassar Salvu pro et noe vs Cardona Paul et noe" (Citazzjoni numru 2/1994) liema kawza giet deciza minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta mill-Magistrat Dottor Paul Coppini, fil-15 ta' April 2014;

4. Illi ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' esponenti m'ghandhiex tehel spejjez;

5. Illi f'dan l-istadju, ghandu jigi rilevat illi, kif johrog car mil-ligi u kif ikkonfermat fil-kazistika, il-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg stadji: l-ewwel wiehed huwa maghruf bhala in *rescindente* u ghandu bhala ghan it-thassir tas-sentenza illi tkun ghaddiet in gudikat jekk il-Qorti thoss illi hemm ragunijiet tajba ghal dan. It-tieni stadju, li jigi biss wara illi l-qorti tkun tat decizjoni dwar jekk hemmx lok ghal ritrattazzjoni, huwa dak maghruf bhala *in rescissorio* illi fih wara illi l-Qorti terga' tisma' l-partijiet jitrattaw il-mertu tal-kawza tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid. Fil-fatt, *ai termini* tal-Artiklu 820(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

   820. (1) Meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tigi milqugha bit-thassir tas-sentenza attakata, il-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-meritu, fl-istess gurnata jew f'ohra li tiddestina l-qorti.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-mertu, filwaqt illi s-socjeta' esponenti ssostni illi s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta mill-Magistrat Dottor Paul Coppini, tal-15 ta' April 2014 fl-ismijiet "Cassar Salvu pro et noe vs Cardona Paul et noe" (Citazzjoni numru 2/1994) hi wahda korretta u timmerita konferma, umilment tirriserva d-dritt li tressaq provi ulterjuri u/jew sottomissjonijiet jekk dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li tisma' mill-gdid il-mertu tal-kawza odjerna.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dottor Ann Fenech fil-kapacita' taghha bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera ERES N.V a fol. 190 tal-process fejn gie eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok in-notifiki in kwistjoni jew in-nuqqas taghhom ma sarux mis-socjeta' eccepjenti u ghalhekk kull allegat nuqqas procedurali li wassal ghall-proceduri odjerni m'huwiex bl-ebda mod imputabbli lis-socjeta' eccepjenti.

2. Illi in oltre l-allegat frodi ma jistax qatt ikun imputabbli lis-socjeta' esponenti stante illi l-informazzjoni li fuqha giet ibbazata t-talba ghall-hatra tal-kuraturi nghatat mill-partijiet l-ohra fil-kawza.

3. Illi ghalhekk l-esponenti m'ghandhomx jinstabu responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza gia la darba huma m'humiex responsabbli ghall-allegati nuqqasijiet procedural li wasslu ghall-kawza odjerna u dan kif johrog car mir-rikors promutur stess.

4. Illi in vista tal-premess is-socjeta' esponenti tirremetti ruhha ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' Valletta Management Services Limited (C-15134) fejn Tonio Farrugia fil-kwalita' tieghu ta' stalcjarju ta' Valletta Management Services Limited a fol. 197 tal-process eccepixxa illi:

1. Il-kjamat fil-kawza Martin Portelli qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi deciza bis-sentenza tal-15 ta' April 2014 li biha din il-Qorti kienet iddikjarat lilu u lis-socjeta' estera ERES BV responsabbli flimkien ghal hamsin fil-mija (50%) tan-negligenza li wasslet ghall-incident li sehh fit-13 ta' Lulju 1993 li fih l-attur Claudio Cassar sofra debilita' permanenti, u kkundannathom *in solidum* bejniethom sabiex ihalsu lill-atturi s-somma ta' tnejn u sebghin elf, sitt mija u sitta u sebghin Euro (€72,676); bl-ispejjez.

2. L-istess Martin Portelli qed jattakka l-kapi kollha tas-sentenza u jippretendi li hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza a bazi ta' l-artikolu 811(a) u (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress li huwa jikkontendi li (i) ma giex debitament notifikat bic-citazzjoni u l-atti tal-kawza; u (ii) dik is-sentenza ttiehdet b'qerq.

**Fatti**

3. Din il-kawza titratta incident li sehh fit-13 ta' Lulju 1993, li fih Claudio Cassar instamat b'qatran likwidu (hot asphalt) meta fetah it-tapp biex ibattal mill-bowser. Is-socjeta' estera ERES BV kienet tissupplixxi l-qatran li kien mahzun fil-facilitajiet tal-Medserv f'Manoel Island fejn il-bowsers tal-istess ERES BV kienu jimtlew minn persuni ngaggati minnha u jittiehdu mill-klijenti. Fil-kaz prezenti, il-bowser kien qed jinstaq minn xufier ta' Salvu Cassar li kien akkompanjat mill-minuri Claudio Cassar. Meta Claudio Cassar gie biex ibattal il-qatran, dan spara fuqu u kkagunalu hruq b'mod li spicca b'dizabilita' permanenti.

4. Il-kawza nizjalment saret kontra l-esponenti Valletta Management Services Ltd u Michael Cremona, impjegat ta' Salvu Cassar stess, inkarigat mill-garr tal-qatran ghall-impjant tat-tarmac. Fil-kawza kienu ntervjenew is-socjeta' Middle Sea Insurance, u sussegwentement gie kjamat fil-kawza Martin Portelli li kien responsabbli mill-bowser fid-depot ta' Manoel Island. Minhabba li Martin Portelli kien rapportat imsiefer, kien gie nominat Dr. Mario Scerri bhala Kuratur Deputat biex jirraprezentah. Sussegwentement giet kjamata wkoll fil-kawza is-socjeta' estera ERES BV.

5. Bis-sentenza tal-15 ta' April 2014, Martin Portelli u ERES BV gew dikjarati responsabbli ghal nofs in-negligenza u kkundannati jhallsu solidalment bejniethom is-somma ta' €72,676 lill-atturi bhala danni dovuti minnhom.

**L-ilment tar-ritrattand Martin Portelli**

6. Martin Portelli jsostni li l-attur wettaq qerq gudizzjarju fost ohrajn meta qal li kien imsiefer meta ma kienx minnu, svija lill-Qorti dwar in-notifika, u naqas li jinformah meta kien jaf bl-indirizz tieghu, tant li wara l-kawza gharrfu bis-sentenza bil-posta fl-indirizz tad-dar tieghu Birzebbuga. Dan kollu wassal biex huwa ma setax jippartecipa fil-kawza.

7. Martin Portelli jilmenta wkoll li "*ma jirrizultax li qatt gie notifikat bic-citazzjoni*". Imbaghad jghid li "sar jaf b'din is-sentenza tal-15 ta' April 2014, fid-9 ta' Awissu 2014." Huwa ghalhekk isostni li japplika l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

8. L-esponenti tissottometti li jinkombi fuq ir-ritrattand Martin Portelli li jipprova l-fatti kif allegati minnu u li juri li verament hemm ragunijiet tajba ghar-ritrattazzjoni mitluba minnu.

9. Ir-ritrattand ghandu jipprova l-qerq li jallega fil-konfront tal-atturi, kif ukoll jiddikjara b'mod car u inekwivoku li qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni u li ma kienx jaf bil-kawza sakemm ircieca s-sentenza, u li l-ewwel darba li kien jaf biha kien fid-9 ta' Awwissu 2014.

10. Ir-ritrattand ma jaghmel ebda allegazzjoni fil-konfront tal-esponenti. B'dankollu, l-esponenti xorta wahda tirrileva li, jekk kien hemm qerq, hija ma tahti f'xejn u lanqas ma tista' tinzamm b'xi mod responsabbli ghan-nuqqas ta' notifika jekk din tirrizulta fondata. L-esponent ma kellha ebda informazzjoni dwar il-kjamat fil-kawza Martin Portelli.

11. Ghalhekk, f'kull eventwalita', l-esponenti ma ghandhiex tbati spejjez b'rizultat ta' dawn il-proceduri.

12. F'dan ir-rigward ghalhekk l-esponenti qeghdha tirrizerva l-pozizzjoni taghha ghad-danni u spejjez ohra bla bzonn li ser ikollha tinkorri.

13. F'kull kaz ukoll, is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Salvu Cassar pro et noe vs Paul Cardona et noe (Citazzjoni numru 2/1994) hija gusta u ghandha tigi konfermata in kwantu ddikjarat u ddecidiet li l-esponenti Valletta Management Services Limited ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-infortunju, u ghad-danni pretizi u reklamati mill-atturi.

14. Ghal dawn ir-ragunijiet u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din ir-ritrattazzjoni, l-esponenti, filwaqt li taghmel

referenza ghall-provi ga prodotti u tirriserva li taghmel l-osservazzjonijiet u tressaq il-provi l-ohra kollha permissibbli skont il-ligi, titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tichad it-talba ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta' April 2014 fl-ismijiet premessi, u t-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza kif mitlub mir-ritrattand kjamat fil-kawza Martin Portelli. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici ritrattandi.

Rat illi l-ewwel eccezzjoni mqajjma minn Dr. Mario Scerri nomine giet irtirata permezz tal-verbal datat 6 ta' Novembru, 2015;

Rat ix-xhieda, dokumenti, atti annessi u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-13 ta' Lulju, 2017 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Illi d-decizjoni li minnha qed issir it-talba ghar-ritrazzjoni hija dwar incident li sehh fit-13 ta' Lulju 1993, li fih Claudio Cassar instamat b'qatran likwidu meta fetah it-tapp biex ibattal mill-bowser. Jirrizulta li s-socjeta' estera ERES BV kienet tissupplixxi l-qatran li kien mahzun fil-facilitajiet tal-Medserv f'Manoel Island fejn il-bowsers tal-istess ERES BV kienu jimtlew minn persuni ngaggati minnha u jittiehdu mill-klijenti. Fil-kaz prezenti, il-bowser kien qed jinstaq minn xufier ta' l-attur f'dawk il-proceduri Salvu Cassar cioe' Michael Cremona li kien akkumpanjat mill-minuri Claudio Cassar iben l-atturi. Meta Claudio Cassar mar biex jiftah biex ibattal il-qatran, dan spara fuqu u kkagunalu hruq b'mod li spicca b'dizabilita' permanenti.

Il-genituri ta' Claudio Cassar cioe' Salvu u Flavia Cassar inizjalment intavolaw kawza kontra s-socjeta' Valletta Management Services Ltd u

kontra l-impjegat tal-istess Salvu Cassar cioe' Michael Cremona liema impjegat kien inkarigat mill-garr tal-qatran ghall-impjant tat-tarmac. Fil-kawza kienu ntervjenew is-socjeta' Middle Sea Insurance, u sussegwentement gie kjamat fil-kawza Martin Portelli li kien responsabbli mill-bowser fid-depot ta' Manoel Island. Minhabba li xhud fl-atti ta' dik il-kawza kien accenna li Martin Portelli kien imsiefer gewwa l-Kenya, fuq talba tal-atturi f'dawk il-proceduri, din il-Qorti diversament preseduta kienet innominat lil Dr. Mario Scerri bhala Kuratur Deputat biex jirraprezentah. Sussegwentement intalbet ukoll u giet milqguha l-kjamata wkoll fil-kawza s-socjeta' estera ERES BV.

Fl-atti ta' dik il-kawza a fol. 174 (et ergo) tal-process 2/1994 tirrizulta notifika tal-kawza lir-ritrattand odjern Martin Portelli li ggib id-data tat-2 ta' Novembru, 1998. Konsegwenti ghal din in-notifika ma jirrizultax li fl-istess atti Martin Portelli ntavola risposta/eccezzjonijiet ghac-citazzjoni notifikata lilu.

Jirrizulta wkoll li wara r-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Carmelo Galea kif ukoll wara li rrelataw il-Periti Addizzjonali nghatat decizjoni mill-Qorti datata 15 ta' April 2014 fejn Martin Portelli u ERES BV gew dikjarati responsabbli ghal nofs in-negligenza u kkundannati jhallsu solidalment bejniethom is-somma ta' €72,676 lill-atturi bhala danni dovuti minnhom.

Jirrizulta wkoll li fil-mument li l-atturi Cassar fil-kawza 2/1994 ghaddew sabiex jesegwixxu d-decizjoni msemmija fil-konfront tar-rikorrent odjern Martin Portelli, huwa ntavola l-proceduri odjerni fejn qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li s-sentenza msemmija ttiehdet mill-qerq tal-atturi u/jew min-nuqqas ta' notifika tar-rikorrenti odjern Martin Portelli w'ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza.

Illi r-ritrattand permezz tal-kawza odjerna jallega li l-attur wettaq qerq gudizzjarju fost ohrajn meta qal li kien imsiefer meta ma kienx minnu, svija lill-Qorti dwar in-notifika, u naqas li jinformah meta kien jaf bl-indirizz tieghu, tant li wara l-kawza gharrfu bis-sentenza bil-posta fl-indirizz tad-dar tieghu Birzebbuga.

Martin Portelli jilmenta wkoll li "*ma jirrizultax li qatt gie notifikat bic-citazzjoni*" u "sar jaf b'din is-sentenza ta' 15 ta' April 2014, fid-9 ta' Awissu 2014."

In vista tas-suespost, ir-rikorrent ritrattant qed jitlob li din il-Qorti tapplika l-artikolu 811 (a) jew/u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tad-decizjoni datata 15 ta' April, 2014 b'dana li tirrendi u thassar is-sentenza msemmija u konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza.

Illi kif espost aktar 'il fuq f'din id-decizjoni l-intimati kollha f'din il-kawza jikkontestaw l-allegazzjonijiet tar-rikorrent odjern fejn fost diversi eccezzjonijiet, principalment, jemfasizzaw fuq il-fatt li r-rikorrent odjern gie notifikat fit-2 ta' Novembru, 1998 w'ghalhekk kien in-nuqqas tieghu stess li ma prezentax eccezzjonijiet u ppartecipa fil-kawza w'ghalhekk issa ma jistax jilmenta minn dak li sehh fl-istess kawza. Dwar l-allegat qerq l-intimati odjerni Cassar jichdu b'mod kategoriku li huma b'xi mod ezercitaw xi qerq biex jingannaw lill-partijiet jew lill-Qorti anzi jinsistu li huma ghamlu dak kollu li setghu sabiex jinnotifikaw lil Martin Portelli.

**Eccezzjoni preliminari:**

Illi Michael Cremona li kien intimat fil-kawza 2/1994, wara li gie notifikat bit-talba ghar-ritrattazzjoni odjerna eccepixxa fl-ewwel lok kif isegwi:

'Illi l-eccipjenti ma jiffigurax fost il-persuni msemmijin fl-okkju tas-sentenza ritrattata u ghalhekk ma ghandux ikun parti f'din il-kawza. Kwindi din il-kawza ntentata fil-konfront tieghu saret inutilment u l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju,'

Illi huwa minnu li fl-okkju tar-rikors odjern Michael Cremona jidher li ghal xi raguni thalla barra w'ghalhekk ma jiffigurax bhala parti fir-rikors odjern. Probabbilment thalla barra stante l-kontenut tad-decizjoni fl-atti tal-kawza 2/1994 li wkoll halliet barra lil Michael Cremona mill-okkju. Jirrizulta lil din il-Qorti izda li ghalkemm thalla barra mill-okkju fir-rikors, Michael Cremona xorta wahda gie notifikat bl-atti tar-rikors stante li gie mnizzel fil-lista tar-ritrattati a fol. 26 tal-process. Nonostante din l-eccezzjoni ma jirrizultax fil-mori tar-rikors odjern li r-ritrattand ghamel xi proceduri sabiex jirrimedja ghan-nuqqas fl-okkju tar-rikors originali jew almenu jaghti r-raguni ghalfejn ir-rikors guramentat gie ntavolat b'dan il-mod.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti wkoll li l-eccezzjoni ta' Michael Cremona taqra li huwa ma ghandux ikun parti f'din il-kawza ghar-raguni li skont hu, huwa ma jiffigurax fost il-persuni msemmija fl-okkju tas-sentenza ritrattata. Dan ukoll fil-fatt huwa minnu kif evidenti mid-decizjoni esebita fl-atti tal-kawza 2/1994. Ghall-kuntrarju fic-citazzjoni originali tal-kawza 2/1994 Michael Cremona jirrizulta bhala konvenut filwaqt li ghal xi raguni ismu gie erronjament ommess fl-okkju tad-decizjoni (jista' jkun minhabba d-diversi korrezzjonijiet li saru fil-mori tal-istess kawza w'ghalhekk sar zball f'dak is-sens li thalla barra meta kienet qed tigi miktuba d-decizjoni finali).

Illi in vista tal-omissjoni evidenti fl-okkju tad-decizjoni li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni din il-Qorti tqis li r-rikorrent odjern ma kellux alternattiva ghajr li jintavola r-rikors guramentat odjern ukoll bl-omissjoni ta' isem Michael Cremona fl-okkju (dan anki sabiex jevita xi eccezzjoni procedurali f'dan is-sens).

Illi jirrizulta izda lil din il-Qorti li Michael Cremona kien originarjament parti fil-kawza 2/1994 u baqa' hekk sal-ahhar tal-istess kawza tant li anki jissemma' fid-decizjoni u li l-omissjoni tieghu mill-okkju jidher li saret bi zvista. Illi bhala parti f'dik il-kawza (ghalkemm gie ommess ismu mill-okkju tas-sentenza) il-Qorti tqis li r-rikorrent odjern legalment ma kellux alternattiva ghajr li jharrek lilu wkoll fl-atti odjerni u dan ai fini ta' ntegrita' ta' gudizzju fil-konfront tal-partijiet kollha originarjament involuti b'mod partikolari f'kaz li t-talba tar-rikorrent tintlaqa' u l-mertu tal-kawza jerga' jinstema'. Il-Qorti ghalhekk nonostante li verament isem Michael Cremona gie ommess mill-okkju fis-sentenza, stante li huwa kien u baqa' parti f'dawk l-atti, din il-Qorti tqis li l-eccezzjoni tieghu sabiex jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju odjern mihijiex gustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Fic-cirkustanzi l-ispejjez ta' din l-eccezzjoni ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Bazi Legali fil-mertu:**

Illi r-rikorrenti jibbaza t-talbiet tieghu fuq l-artikolu segwenti tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

*'811. Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(a) jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra;*
*(b) jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza;'*

Illi dwar is-sub-artikolu 811 (a) fis-sottomissjonijiet tieghu r-rikorrenti jissottometi dwar il-gurisprudenza tal-Qrati kif isegwi:

'Illi l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha datat 14 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet Carmel *sive* Lino Borg *versus* Henry Thake, qalet illi:

*'... is-subinciz (a) ta' l-artikolu 811 ma jaghtix lok ghal ritrattazzjoni "fil-kaz li jkun hemm frodi". Is-smigh mill-gdid jista' jigi akkordat biss "jekk is-sentenza tkun ittiehdet b'qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-parti l-ohra". Il-qerq jew il-frodi allura ma jridux ikunu jirrizultaw jew ma jridux ikunu relatati mal-meritu li pprovoka l-vertenza u li gie ttrattat quddiem il-qrati u minnhom deciz imma jridu jkunu jirrizultaw jew ikunu relatati mal-proceduri decizi bis-sentenza appellata u bihom inficcjata. Is-subinciz jipprovdi ghal smigh mill-gdid fil-kaz fejn is-sentenza tkun ittiehdet b'qerq u mhux fejn il-pretensjoni ta' l-attur fit-talba tkun ghall-kreditu li origina minn agir allegatament delittwuz jew qarrieqi tal-konvenut.'*

Illi fil-kawza Fortunato Pisani vs Antonio Pisani, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 1942, il-Qorti qalet:

*Mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-ohra jista' jaghti lok ghar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, izda meta minhabba r-raggieri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti l-avversarju gie mqieghed fl-impossibbilita' ta' difiza gusta u tajba.*

Illi fil-kawza Raymond Camilleri et vs Dr. Michael Grech noe, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-1 t'Ottubru 2004, il-Qorti qalet,

*Illi huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi azzjoni ghar-ritrattazzjoni ma tistax tirnexxi jekk il-motiv illi fuqu tkun ibbazata jkun jikkonsisti f'materja illi r-ritrattand seta' liberament jitlob illi tigi investita fil-pendenza tal-proceduri illi wasslu ghas-sentenza attakkata;'*

Illi da parti tieghu Dr. Mario Scerri noe jissottometti kif isegwi:

'Il-ligi titlob li sabiex l-qerq jiggustifika r-ritrattazzjoni jehtieg li jrid jirrizulta mill-atti tal-kawza u jrid ikun wiehed gravi, certament biex jigi konsidrat bhala raguni sufficjenti biex il-kawza tinstema' mill-gdid irid jirrizulta bla dubbju illi kien wiehed determinanti fl-ghoti tas-sentenza impunjata (Appell, **Joseph Borg vs Carmela Muscat et**, 30/03/2001).

Il-ligi ma tghidx x'tip ta' qerq iwassal ghall-akkoljiment ta' din it-talba, biss jidher li l-Qrati taghna dejjem imxew fuq l-insenjamenti ta' guristi awtorevoli taljani bhalma huma r-Ricci, il-Pisanelli u dak li hemm fid-Digesto Italiano. Infatti l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-13 ta' Lulju 1942, fil-kawza: **Fortunato Pisani vs Antonio Pisani** (Vol XXXI.231) irriteniet li : "*Mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-ohra jista' jaghti lok ghar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, izda meta minhabba r-raggiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti l-avversarju gie mqieghed fl-impossibilita' ta' difiza gusta u tajba.*" Infatti fl-imsemmija sentenza l-Qorti kompliet tghid li "*Jekk il-parti naqset li ggib xi prova mhux minhabba d-dolo tal-parti l-ohra, imma ghan-negligenza taghha, ma tistax, wara li jkun hemm sentenza li ghaddiet f'gudikat, tmur ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni.*"

Illi l-qerq biex jaghti lok ghal smiegh mill-gdid irid jirrizulta mill-atti tal-kawza u jrid ikun wiehed gravi, certament biex jigi kunsidrat bhala raguni sufficjenti biex il-kawza tinstema' mill-gdid irid jirrizulta bla dubbju illi kien wiehed determinanti fl-ghoti tas-sentenza mpunjata (Appell, **Joseph Borg vs Carmela Muscat et**, 30/03/2001).

Il-gurisprudenza fir-rigward tal-kuncett ta' 'qerq' f'dan il-kuntest hija pjuttost skarsa ghal dak li jirrigwarda l-kuncett ta' 'qerq' li hija t-traduzzjoni fil-lingwa Maltija tal-kelma 'dolo' fit-test originali bit-Taljan kemm fl-Edizzjoni originali tal-1854 kif ukoll fl-emendi sussegwenti li saru fl-1859 u fl-1886. Fit-test fil-lingwa Ingliza ntuzat il-kelma 'deceit' u ghalhekk ukoll 'qerq' tfisser ukoll 'ingann'. Il-qerq jew il-frodi li ssemmi l-ligi jridu jkunu jirrizultaw jew ikunu relatati mal-proceduri decizi bis-sentenza appellata u bihom inficjata. It-talba tar-ritrattand ma tistax tirnexxi jekk huwa ma jallegax x'irregolarita' fil-proceduri da parti ta' l-attur fil-konfront tieghu li

jammonta ghal qerq u li bhala konsegwenza tieghu s-sentenza kien gust li tigi mhassra. (P.A. **Edgar Vella et vs Dr. Joseph Ralph Grech**, 10/01/2001).

Il-prova tar-raguni li ghaliha parti titlob li kawza tigi mismugha mill-gdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija misthoqqa. Il-parti ritrattata m'ghandha tipprova xejn, specjalment meta r-raguni li ssejjes it-talba ghas-smigh mill-gdid ma titnissilx minn ghamil tal-parti l-ohra. (P.A., **Emanuel Magri vs Joseph Vancell et**, 15/04/2002).'

Illi l-intimati odjerni Cassar (atturi fid-decizjoni attakkata) da parti taghhom jissottomettu kif isegwi:

1. 'Izda Martin Portelli f'din l-istanza baqa' ma ppruvax. Huwa evidenti li skorretezzi u nuqqasijiet procedurali li jistghu jirrizultaw bi hsara ghal xi wahda mill-partijiet ma tammontax ghal 'qerq'. Il-qerq irid wara kollox ikun personali u cioe' maghmul internzjonalment minn parti bi hsara ghall-parti l-ohra. Ara f'dan is-sens "Castelletti vs Chetcuti" (Vol. V. 345); "Portelli vs Micallef" (Kollezz. Vol. XXVIII-III-1238) u s-sentenzi ivi kkwotati. Fil-kawza "Portelli vs Micallef" jinghad li 'al fine di ammettere una domanda di ritrattazione pel motivo di dolo e' necessario dimostrare inche consiste tale preteso dolo, che secondo la decisione resa dalla Corte di Appello di Sua Maesta' il 13 ottobre 1858 (Collezz. Vol. VI p.736) in re "Thewma vs Chetcuti" deve essere personale e non reale, derivante dalla ingustizia e dalla lesione. Fl-istess sens iddecidiet "Schembri vs Azzopardi" (P.A. 07-03-1895 Onor. Barone A. Chapale, vv.78 ikkonfermata fl-Appell XX.117). "Non potendo la sentenza, di cui si domande la ritrattazione ritenersi essere stata l'effetto del dolo convenuti a danno dell' attore, la causa, sulla quale quella sentenza fu emanate, non puo' essere ritrattata".

2. Imbaghad l-Artikolu 811(a) tal-Kap 12 jipprovdi ghal ritrattazzjoni ta' kawza fejn **is-sentenza** tkun ittiehdet b'qerq u mhux fejn il-pretensjoni tal-attur **fit-talba** tkun ghall-kreditu li origina minn agir allegatament delittwuz jew qarrieqi tal-konvenut. **Il-fatti** allegatament frawdolenti kienu kollha maghrufin kemm fil-mument meta giet intavolata l-kawza kif ukoll u certament kienu a konoxxenza tal-Qorti kemm meta l-kawza giet deciza mill-Prim'Awla kif ukoll meta din giet deciza mill-Appell. ("Carmel sive Lino Borg vs Henry Thake" – Appell 14-11-1997). Imbaghad il-qerq ghall-fini tar-ritrattazzjoni huwa l-istess bhal dak li jivvizzja l-kunsens fil-kaz tal-kuntratti (Mortara, Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, Milano 1910 p.493). "Il dolo da ingresso al rimedio della

ritrattazzione solamente quando i raggiri usati da una delle parti sono stati tali che senza di esse l'altra parte non sarebbe stata condannata e l'ommissione o la insuffiuenza di difesa non e' per alcuno una giusta causa di ritrattazzione" (Mortara ibid).

3. L-iktar haga mportanti f'dan kollu u li l-imsemmi Martin Portelli naqas li jipprova hu li effettivament kien hemm xi qerq da parti tal-atturi. Il-qerq ma jistax jigi prezunt imma jrid jigi ppruvat. "Elemento essenziale del dolo e il raggiro, cioe' l'azione fraudolente: il concetto di esso va inteso nella legge processuale con i noti temperamenti annessi per la interpretazione della legge materiale" (Mortara op.cit. Vol. IV para 493). Perezempju fil-kawza "John Bugeja noe vs Commissioner of Lands" (Appelli 15-01-2002) l-appellat biddel l-indirizz, ma giex notifikat bl-appell entro t-terminu ta' sena stabbilit fl-Artikolu 182(1) tal-Kap 12 u l-appell mar dezert. L-appellat ma nfurmax lill-Qorti bil-bdil fl-indirizz. Il-Qorti tal-Appell qalet li dan ma jikkostitwixxix qerq, proprju ghaliex ma gewx impjegati raggiri da parti tal-appellat. L-istess gie deciz fil-kawza "Pisani vs Pisani" (Appelli 13-07-1942).'

Illi ghal dak li huwa s-subartikolu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa evidenti li dan ma jiddependix fuq x'interpretazzjoni jew gurisprudenza izda fuq il-prova tan-notifika jew le lir-rikorrent odjern fuq analizi tal-atti.

**Mertu:**

**Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12:**

Illi fil-mertu din il-Qorti tqis li jkun aktar ghaqli li l-ewwel tigi deciza t-talba relatata mal-artikolu 811 sub-artikolu (b) tal-Kap. 12 u cioe' l-allegata nuqqas ta' notifika lir-ritrattand fil-kawza 2/1994. Illi minn dan il-lat din il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-kontradizzjonijiet emanenti mill-istess rikors guramentat kif ukoll sottomissjonijiet tal-istess rikorrenti minfejn tirrizulta li l-istess ritrattand jammetti li a fol. 174 (et ergo) fl-atti tal-kawza 2/1994 hemm fil-fatt notifika ta' Martin Portelli izda nonostante dan fl-atti odjerni r-ritrattand ikompli jinsisti li huwa ma giex debitament notifikat.

Illi din il-Qorti nnutat l-argumenti ta' Martin Portelli li jsostni li din in-notifika jew ma kinitx tezisti jew iddahhlet fl-atti wara u dan skont hu jirrizulta mill-fatt li la l-partijiet, la l-periti legali u lanqas il-Qorti ma ndunaw b'din ir-riferta tant li l-kawza kompliet kontra Dr. Mario Scerri bhala kuratur tal-istess Martin Portelli.

Illi izda dak li triq tanalizza din il-Qorti f'dan l-istadju ai termini tal-artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 mihijiex xi kongettura li qed johrog biha r-ritrattand izda hija l-ezistenza o meno fl-atti ta' notifika valida lir-ritrattand. Sabiex taghmel hekk din il-Qorti analizzat l-atti kollha tal-kawza 2/1994 u jidhrilha li l-fatti l-aktar rilevanti ghall-ghan li tigi analizzata l-kwistjoni tan-notifika tac-citazzjoni lil Martin Portelli huma dawk lil jsegwu:

(i) A fol. 159 tal-process 2/1994 jirrizulta li wara li l-atturi Cassar talbu l-kjamata fil-kawza ta' Martin Portelli u din giet milqugha, stante li dawn hasbu (minhabba dak li kien intqal fl-atti minn xhud partikolari) li Martin Portelli kien imsiefer huma talbu li jigi mahtur kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-istess Martin Portelli. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat permezz ta' digriet datat 15 ta' Jannar, 1997 lil Dr. Mario Scerri bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil Martin Portelli.

(ii) Konsegwenti ghad-digriet hawn fuq imsemmi a fol. 2 et ergo jirrizulta li Dr. Mario Scerri ghan-nom ta' Martin Portelli gie notifikat bl-atti tac-citazzjoni nhar it-28 ta' Jannar, 1997.

**F'termini legali din gia tikkwalifika bhala notifika valida fil-ligi lil Martin Portelli fl-atti tal-kawza 2/1994.**

(iii) A fol. 162 tal-process 2/1994 jinsab rikors tal-atturi Cassar datat 14 ta' Lulju, 1997 fejn huma jindikaw li saru jafu bl-indirizz ta' Martin Portelli f'Malta tant li jelenkawh bhala 'Beverly Hills', Triq il-Haddiem, Birzebbugia. L-atturi Cassar issottomettew li jekk Martin Portelli jinsab fil-Gzejjer Maltin allura ma kienx il-kaz li huwa jibqa' rapprezentat minn

kuratur w'ghalhekk talbu li l-atti tac-citazzjoni jigu notifikati direttament lilu sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Permezz ta' digriet datat 15 ta' Lulju, 1997 din il-Qorti diversament preseduta ordnat in-notifika tac-citazzjoni lil Martin Portelli filwaqt li rriservat li tipprovdi ulterjorment dwar it-talba sabiex jigi revokat l-inkarigu ta' Dr. Mario Scerri wara li tkun giet verifikata r-riferta pozittiva ta' l-istess Martin Portelli.

Din il-Qorti tinnota li sa dan l-istadju r-riferta posittiva li kienet saret lil Dr. Mario Scerri ghan-nom ta' Martin Portelli lura f'Jannar ta' dik is-sena kienet ghadha valida u fil-fatt baqghet hekk valida sal-ahhar tal-procedura meta nghatat id-decizjoni.

(iv) A fol. 167 tal-process 2/1994 jinsab il-verbal datat 23 ta' Ottubru 1997 minfejn jirrizulta li, stante li fil-pendenza tar-rikors datat 15 ta' Lulju, 1997 Martin Portelli ma giex notifikat, dik il-Qorti awtorizzat in-notifika tieghu permezz tal-proceduri kontemplati fil-Kap. 12.

(v) Konsegwenti ghall-verbal hawn fuq imsemmi nhareg kont ghall-hlas sabiex issir il-procedura ta' notifika lil Martin Portelli permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni (ara fol. 168).

(vi) A fol. 170 fil-verbal tas-26 ta' Marzu, 1998 ghalkemm deher Dr. Mario Scerri ghan-nom ta' Martin Portelli dik il-qorti xorta wahda ddiferit il-kawza ghan-notifika tal-kjamat fil-kawza Martin Portelli presumibilment minhabba l-pendenza tar-rikors datat 15 ta' Lulju, 1998.

(vii) A fol. 172 jinsab esebit rikors tal-atturi Cassar fl-atti tal-kawza 2/1994 fejn jissottomettu li stante li l-provi gew konkluzi u l-konvenut Martin Portelli gie notifikat huma jitolbu li l-Qorti tawtorizza lill-periti jghaddu ghar-relazzjoni. Dan ir-rikors igib id-data tas-26 ta' Gunju, 1998. Jirrizulta li sa dakinhar Martin Portelli kien gie effettivament legalment notifikat fil-persuna tal-kuratur nominat f'ismu u cioe' Dr. Mario Scerri nhar it-28 ta' Jannar, 1997. Nonostante dan izda dik il-Qorti

fid-digriet taghha a fol. 173 tal-process tindika li Martin Portelli ma kienx ghadu notifikat (allura presumibilment kienet qed tirreferi ghan-notifika direttament lilu fl-indirizz indikat mill-atturi wara li saret it-talba mill-atturi permezz tar-rikors datat 15 ta' Llulju, 1998) w'ghalhekk irriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri.

(viii) A fol. 174 tinsab kopja tac-citazzjoni originali. Fuqha jidher timbru li jaqra 'kopja biex tigi notifikata lil' u bil-pinna blu hemm miktub 'Martin Portelli, Beverly Hills, Triq il-Haddiem, B'Zebbugia' u l-kelma 'malti'. Hdejn dan it-timbru jinsab timbru iehor bid-data tat-28 ta' Ottubru, 1997 u fuqu miktub bil-pinna sewda 'legalcopies flimkien ma numru. Jidher ghalhekk li dakinhar l-atturi halsu xi spejjez sabiex ikunu jistghu johorgu d-dokumenti ghan-notifika ta' Martin Portelli. Fuq l-istess folio jinsab miktub numru bil-lapes '3083' li wkoll jidher li ghandu x'jaqsam mal-procedura tan-notifika;

(ix) A fol. 174 et ergo tinsab notifika ta' Martin Portelli permezz ta' timbru u bil-pinna sewda Mario Genuis marixxal tal-Qorti f'Malta jindika li huwa nnotifika lil Martin Portelli b'kopja tac-citazzjoni u digriet nhar it-2 ta' Novembru, 1998, personalment gewwa B'Bugia. Din in-notifika ghandha firma originali tal-istess Mario Genuis fuqha u timbru iehor b'isem l-istess marixxall. Huwa ghalhekk car lil din il-Qorti li l-kopja li nharget u thalset nhar it-28 ta' Ottubru, 1997 giet finalment notifikata lil Martin Portelli nhar it-2 ta' Novembru, 1998. Din il-Qorti ma sabet xejn fil-bqija tal-atti li b'xi mod jindika li dik in-notifika mihijiex wahda valida.

(x) Illi nonostante tali notifika jirrizulta li Martin Portelli ghazel li ma jintavola l-ebda risposta fl-atti tal-kawza 2/1994 fit-terminu mpost fuqu u lanqas wara. Nonostante dan izda l-istess Portelli xorta wahda baqa' debitament rapprezentat sa tmiem il-kawza minn Dr. Mario Scerri bhala kuratur nominat sabiex jirraprezentah stante li mill-atti jirrizulta li fl-ebda hin ma gie revokat l-inkarigu tieghu nonostante n-notifika pozittiva ta' Martin Portelli.

Illi din il-Qorti wara li analizzat dak suespost, ai fini tal-artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tqis li n-notifika ta' Martin Portelli bic-citazzjoni a fol. 174 et ergo tal-process hija wahda valida fit-termini tal-ligi w'ghalhekk it-talba tar-ritrattand sabiex din il-Qorti tirrexxindi u thassar id-decizjoni tal-15 ta' April, 2014 a bazi li r-ritrattand Martin Portelli ma giex notifikat bic-citazzjoni skont il-ligi mihijiex gjustifikata w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Artikolu 811 (a) tal-Kap. 12:**

Illi r-ritrattand Martin Portelli fir-rigward ta' dan is-subartikolu jissottometti/jallega li l-atturi (intimati Cassar odjerni) wettqu qerq kif isegwi:

- 'L-attur fil-kawza msemmija, sostna li l-esponent kien imsiefer fis-sena 1996 meta fil-fatt kien hawn Malta;
- L-attur ipprova jisvija l-Qorti meta qal li l-esponent kien innotifikat mentri ma kienx minnu (dan qabel it-2 ta' Novembru 1998 meta allegatment gie nnotifikat);
- In-notifika datata 2 ta' Novembru 1998 ma setghetx kienet fl-atti ghaliex hadd, lanqas l-attur innifsu, issolleva din il-kwistjoni tan-notifika;
- Jekk kienet in atti l-attur qatt ma semma' li kien hemm notifika u b'hekk zvija l-partijiet; il-periti u l-Qorti.
- Il-qerq tal-attur wassal ghall-fatt l-esponent ma jigix innotifikat bl-atti u li jkun jaf bil-kawza opportuni;
- Il-qerq tal-attur wassal ghall-fatt li l-esponent ma giex iddikjarat kontumaci bil-konsegwenza li l-*privilegium fori* ma nghatatx effett mill-Qorti;
- Il-qerq tal-attur wassal ghall-fatt li l-kuratur qatt ma kkomunika mal-esponent;
- Il-qerq tal-attur wassal ghall-fatt li l-esponent l-ebda mod ma seta' jippartecipa fil-kawza;
- Il-qerq tal-attur wassal ghall-fatt li l-esponent lanqas ma kien f'pozizzjoni li jintavola appell u jissalvagwardja l-interessi tieghu.
- L-atturi nnotifikaw is-sentenza lill-esponent fid-9 t'Awissu 2014 - zmien wara li effettivament it-terminu ta' l-appell kien iddekorra wara li seta' jaghmel ritrattazzjoni taht sub-artikoli ohra tal-Artikolu 811 tal-Kap 12.'

Din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawza 2/1994 kif ukoll tal-kawza odjerna nkluz ix-xhieda ta' Dr. Carmelo Galea, Dr. Mario Scerri, Dr. Alfred Fenech u r-ritrattand Martin Portelli kif ukoll is-sottomissjonijiet estensivi tal-partijiet tqis li l-ilment ta' Martin Portelli mhux gjustifikat ghar-ragunijiet segwenti:

(i) Illi mhux minnu li kienu l-atturi li nfurmaw lill-Qorti li Martin Portelli kien imsiefer. Jirrizulta li l-possibilta' li Martin Portelli ma kienx jirrisjedi Malta izda l-Kenja ssemmiet mix-xhud Gaston De Giovanni rapprezentant tal-Kumpanija li maghha kien jahdem Martin Portelli fix-xhieda tieghu datata 1 ta' April, 1996 (ara fol 340 tal-process 2/1994: 'Sa fejn naf jiena dan issa ilu xi sentejn jahdem fid-depot tal-ERES fil-Kenja') u l-atturi mxew fuq tali dikjarazzjoni sakemm f'Lulju tas-sena ta' wara cioe' 1997 saru jafu bl-indirizz tieghu Malta u nfurmaw b'dan minnufih lill-Onorabbli Qorti diversament preseduta permezz ta' rikors (ara fol. 165);

(ii) Illi din il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-Periti legali, il-kuratur nominat, uhud mill-partijiet jekk mhux kollha u kif ukoll il-Qorti ma ndunawx bin-notifika pozittiva ta' Martin Portelli li kienet giet inserita a fol. 174 et ergo tal-process. Dan wahdu izda ma jissodisfax ir-rekwisiti ta' qerq li rikjest mill-artikolu 811 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma jirrizultax lil din il-Qorti li din l-isvista kienet intiza u voluta mill-atturi Cassar a skapitu tal-kjamat illum ritrattand Martin Portelli kif jallega r-ritrattand;

(ii) Illi l-fatt li min kien koncernat fil-kawza ma ndunax bin-notifika pozittiva ma jistax jigi atribwit lill-atturi kif qed jallega r-ritrattand stante li din l-izvista setghet facilment u probabilment irrizultat mill-fatt li meta jigi nominat Perit Legali dan jinghata l-process originali filwaqt li jinzamm spoll fir-registru tal-Qorti jew altrimenti tinghata kopja tal-atti lill-Perit Legali filwaqt li nkartament gdid jidhol fil-process li jkun ghadu fir-registru tal-Qorti w'ghalhekk huwa probabbli li kopja tan-notifika li tinsab fuq wara ta' fol. 174 setghet lanqas qatt waslet ghand il-Periti Legali u kien ghalhekk ikkumentaw li Martin Portelli personalment ma kienx notifikat. Din il-Qorti ma tista' ssib xejn fl-atti li b'xi mod jitfa' xi tort fuq l-atturi Cassar ghal din l-isvista.

Mhux l-istess izda jista' jinghad dwar ir-ritrattand innifsu Martin Portelli li jirrizulta li kien notifikat mhux darba izda darbtejn darba tramite l-kuratur nominat u darb'ohra personalment, altru milli r-ritrattand 'gie

mqieghed fl-impossibilita' ta' difiza gusta u tajba kif tirrikjedi l-gurisprudenza!

Il-fatt li l-Qorti wkoll ma nnutatx ir-riferta pozittiva lil Martin Portelli personalment ukoll bl-ebda mod ma jwassal ghall-qerq allegat mir-ritrattand fit-talbiet tieghu ai termini tal-artikolu 811 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ghal darb'ohra din il-Qorti ma tista' ssib xejn fl-atti li jaghmel ness bejn tali zvista mill-Qorti u l-agir tal-atturi Cassar;

(iii) Illi r-ritrattand jallega li l-atturi wettqu qerq ghaliex kienu jafu bl-indirizz tieghu u ma tawhx la lill-periti legali w'lanqas lill-kuratur nominat Mario Scerri. Dan assolutament jirrizulta li mhux minnu fl-atti tal-kawza 2/1994 tant li a fol. 162 tal-process (volum numru 1 minn 3) jinstab rikors tal-atturi fejn jindikaw b'mod car l-indirizz ta' Martin Portelli. Dan ir-rikors kien accessibbli ghall-partijiet kollha fl-atti w'ghalhekk anki l-indirizz kien accessibbli ghall-partijiet kollha fl-atti kif ukoll ghall-periti legali u l-Qorti u dan sa mill-14 ta' Lulju,1997. Ta' min jinnota li l-kawza nqatghet fis-sena 2014 b'dan li ghalhekk jirrizulta lil din il-Qorti li l-indirizz ta' Martin Portelli kien not fl-atti ghal mill-anqas sbatax-il sena qabel din ghaddiet ghad-decizjoni, indirizz li gabuh ghall-attenzjoni tal-Qorti l-atturi Cassar u mhux kif qed jallega r-ritrattand li b'xi mod hbewh! Jekk il-kuratur nominat tax kaz l-atti sabiex jara l-indirizz hija kwistjoni ohra li izda ma tikwalifikax bhala l-qerq kontemplat fl-artikolu 811 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iv) Illi jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li mhux minnu li l-atturi Cassar pruvaw jahbu n-notifika ta' Martin Portelli jew l-indirizz tieghu b'xi mod u dan stante l-insistenza taghhom fl-atti (ara b'mod partikolari fol. 162 sa 174 fejn anzi jidher sforz mhux zghir mill-atturi sabiex jinnotifikaw lil Martin Portelli fl-indirizz indikat minnhom);

(v) Illi b'referenza ghar-rikors tal-atturi Cassar a fol. 172 tal-process datata 26 ta' Gunju, 1998 f'liema rikors l-atturi jindikaw li Martin Portelli jirrizulta notifikat din il-Qorti ma taqbilx li tali dikjarazzjoni da parti tal-atturi Cassar saret b'xi qerq da parti taghhom stante li sa dakinhar fil-fatt notifika valida ta' Martin Portelli kien hemm fl-atti u cioe' a fol. 2 et ergo tal-process u dan fil-vesti tal-kuratur tieghu nominat mill-Qorti Dr. Mario Scerri. Jidher mid-digriet tal-Qorti a fol. 173 li meta l-istess Qorti qrat ir-rikors hija fittxet fl-atti riferta pozittiva personalment lil Martin

Portelli li sa dakinhar ma kinitx tirrizulta izda giet injorata r-riferta pozittiva lill-kuratur;

(vi) Din il-Qorti wkoll ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-ritrattand li l-allegazzjoni li, *dato ma non concesso*, l-atturi hbew ir-riferta pozittiva tieghu b'xi mod setghet illediet id-drittijiet tieghu u dan principalment ghal zewg raguniijiet:

(a) Jirrizulta minn fol. 174 et ergo li Martin Portelli kien fil-fatt gie notifikat bil-kawza w'ghalhekk jista' jlum biss lilu nnifsu li ma prezentax risposta fl-atti u ma ppartecipax fil-prosegwiment tal-kawza sakemm din marret ghad-decizjoni;

(b) Jirrizulta wkoll li nonostante n-notifika u n-nuqqas tal-istess Martin Portelli li jippartecipa fil-proceduri, l-istess Portelli baqa' jigi rapprezentat fl-atti minn Dr. Mario Scerri bhala kuratur tieghu nonostante li strettament legalment lanqas kien hemm bzonn li jibqa' hekk rapprezentat. Se mai dan serva sabiex id-drittijiet ta' Martin Portelli jigu aktar salvagwardjati u mhux bil-kontra f'kaz fejn kien l-istess Portelli li ghazel li ma jirrispondix ghall-kawza ghalkemm debitament notifikat (dan meta l-gurisprudenza tirrikjedi li sabiex japplika l-artikolu 811 (a) il-qerq irid igib mieghu hsara lir-ritrattand). Din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet tar-ritrattand li huwa kellu jigi dikjarat kontumaci fl-atti u li l-fatt li dan ma sarx allura b'xi mod illeda l-jeddijiet tieghu u dan stante l-fatt li huwa xorta wahda kien rapprezentat serva a favur tieghu u mhux bil-kontra. Il-kwistjoni mqajma mir-ritrattand dwar il-*privilegium fori*, apparti l-fatt li din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimati li din mhux neccessarjament kienet issehh in vista li huwa gie kjamat fil-kawza ferm wara li l-gurisdizzjoni tal-Qorti kienet giet stabbilita, zgur li ma lledietx b'xi mod il-jeddijiet tar-ritrattand fil-mertu tal-kawza.

Illi huwa car mill-atti tal-kawza odjerna u l-atti tal-kawza 2/1994 illi kieku Martin Portelli (wara li gie debitament notifikat) flok ghazel li jinjora ghal kollox il-kawza huwa ghamel dak li kien mistenni minnu u pprezenta risposta u ppartecipa fil-proceduri allura l-izbalji u l-malintizi li setghu sehhew wara sad-data tad-decizjoni ma kienux isehhu ghaliex kien ikun car ghal kulhadd li huwa notifikat. Dawn izda bl-ebda mod ma jistghu jigu attribwiti bhala qerq lill-atturi. In vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijet din il-Qorti tqis ukoll li l-lanjanza tar-ritrattand ai

termini tal-artikolu 811 (a) tal-Kap. 12 wkoll ma hijiex legalment gjustifikata w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost u ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan ir-rikors guramentat kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' Michael Cremona b'dana li fic-cirkustanzi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

2. Tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati kollha sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn fuq deciz;

3. Tichad l-ewwel u t-tieni talba attrici;

4. Konsegwentement tichad ukoll it-tielet talba attrici.

Bl-ispejjez kollha salv dawk hawn fuq gia decizi, kontra r-rikorrent Martin Portelli.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur